Ref.: **2022-01-D-47-mt-2**
Orig.: **EN**

# IS-SILLABU TAL-MALTI BĦALA L-LINGWA NAZZJONALI OĦRA (ONL) – Is-Sekondarja – S1 - S7

## Syllabus for Maltese as Other National Language (ONL) – Secondary Cycle – S1-S7

### Approved by the Joint Teaching Committee - Meeting on 10 and 11 February 2022 – Online

Entry into force: on 1 September 2022 for S1-S4 and S6
on 1 September 2023 for S5 and S7

First Baccalaureate session in June 2024

Jidħol fis-seħħ: Fl-1 ta' Settembru 2022 għal S1- S4 u S6
Fl-1 ta' Settembru 2023 għal S5 u S7

L-ewwel sessjoni tal-Bakkalawrijat Ewropew issir f'Ġunju 2024

# Il-Werrej

**Il-Kontenut**

Introduction
Introduction ........ 3
Introduction ........ 4
Einleitung ........ 5
Id-Daħla ........ 6
1. L-Għanijiet Ewlenin ........ 8
2. Il-Prinċipji Didattiċi ........ 9
3. Il-Kisbiet tat-Tagħlim ........ 9
4. Il-Kontenut (ħarsa ħafifa – id-deskrizzjoni sħiħa tinsab f’Anness 6.2.1 ........ 12
5. L-Assessjar ........ 13
5.1 Id-Deskritturi tal-Kisbiet ........ 14
6. Annessi ........ 33
6.1 Il-Bakkalawrijat Ewropew ........ 33
6.2 Il-Kummentarji ........ 46
6.2.1 L-ELABORAZZJONI TAL-KONTENUT TAS-SUĠĠETT GĦAĊ-ĊIKLI TAS-SEKONDARJA S1-S7 ........ 50
6.2.2 Il-Komunikazzjoni Awtentika bil-Lingwa fil-Mira ........ 65
*6.2.2.1 Inkattru l-Opportunitajiet* ........ *65*
*6.2.2.2 Suġġerimenti għall-Assessjar tal-Kompetenzi tas-Smigħ u t-Taħdit fl-ONL* ........ *70*

## Introduction

Document 2011-01-D33-en-7[1] relating to the organisation of studies and courses in the European Schools, approved by the Board of Governors in April 2011, first provided for special arrangements for the teaching of ONLs (Other National Languages). Following the reform of the programmes of studies offered by the European Schools, a new language policy and organisation of studies document, 2019-01-D-35-en-2, *Language Policy of the European Schools*, was approved by the Board of Governors in April 2019 and entered into force in September 2019.

The teaching and learning of an ONL in a European School reflects in practice the key principles of the Language Policy of the European School system: The primary importance of the mother tongue 2 (Language 1); The recognition of and commitment to support the national languages of each Member State of the European Union; the offer of a multilingual educational system that promote pluri-lingualism.

Classes are 'protected' in that classes will be formed for any number of Category 1 students. ONL is offered as an additional elective in the first cycle but can be taken as an L4 from S4.

The following timetabling arrangements apply to ONL at secondary level:

| | |
|---|---|
| Years S1 – S3 inclusive (cycle 1) | 2 x 45-minute periods per week |
| Years S4 – S5 (cycle 2) | 4 x 45-minute periods per week |
| Years S6 – S7 (cycle 3) | 4 x 45-minute periods per week |

The ONL Irish syllabus was introduced in September 2011, the ONL Maltese syllabus in 2012 and the ONL Finnish and Swedish syllabuses in 2013.

This version of the syllabuses is a slightly revised and updated version of the existing syllabuses. It builds on existing good practice and respects the principle of harmonisation whilst also being cognisant of particular national requirements.

The ONL secondary syllabuses aim to build on the skills students have already acquired and to further develop their knowledge and linguistic competences. They aim to promote natural and communicative use of the language and are intended to prepare learners to follow third-level courses should they so wish. They seek to provide students with the ability to manipulate and use different types of texts and to give them a deeper awareness of the particular ONL, its language, culture and literature.

The ONL syllabuses are based on the *Common European Framework of Reference for the Teaching and Learning of Foreign Languages*[2] and the *European Framework for Key Competences for Lifelong Learning.* [3]

The syllabuses reflect in their objectives, content and methods a common, harmonised approach as promoted in the field of modern languages in the European Schools and as used by many national systems.

The syllabuses focuses on the knowledge and the competences to be attained at the end of each cycle, and includes general objectives, didactic principles, learning objectives, contents, assessment and attainment descriptors. They present the learning outcomes which students will be expected to achieve at the end of each cycle, and describe the knowledge and skills they will develop to be able to communicate effectively.

---

[1] Current version:2011-01-D-3-en-9

[2] See Common European Framework of Reference for Languages: Leaarning, Teaching and Assessment Companion Volume with New Descriptors https://coe.int

[3] An updated document, *Key Competences for Lifelong Learning* (2019, Luxembourg Publication Office of the European Union) was recommended by the European Council and adopted by the European Parliament in *2019.*

The structure of the syllabus is intentionally brief but is expanded through a commentary (See annex). The Sharepoint (Microsoft Office 365) can provide a forum for additional guidelines, clarification or advice.

## Introduction

Le document 2011-01-D-33-fr-7[4] relatif à la structure des études et l'organisation des cours aux Ecoles européennes, approuvé par le Conseil supérieur en avril 2011, fut le premier à prévoir des dispositions particulières pour l'enseignement des « autres langues nationales » (ONL – Other National Languages). A la suite de la réforme des programmes d'études proposés par les Ecoles européennes, un nouveau document concernant la politique linguistique et l'organisation des études, le document 2019-01-D-35-fr-2, *Politique linguistique des Ecoles européennes*, a été approuvé par le Conseil supérieur en avril 2019 et est entré en vigueur en septembre 2019.

L'enseignement et l'apprentissage d'une ONL dans une Ecole européenne reflètent en pratique les principes fondamentaux de la Politique linguistique du système des Ecoles européennes : l'importance primordiale de la langue maternelle (Langue I) ; la reconnaissance des langues nationales de chaque Etat membre de l'Union européenne, et l'engagement à les favoriser ; la proposition d'un système éducatif multilingue qui favorise le plurilinguisme.

Les cours d'ONL sont « protégés », c'est-à-dire créés pour les élèves de Catégorie I quel que soit leur nombre. L'ONL est proposée en tant que cours à option supplémentaire au premier cycle, mais peut être la LIV à partir de la 4$^{e}$ secondaire.

Les dispositions horaires suivantes sont applicables à l'ONL à l'école secondaire :

| | |
|---|---|
| 1$^{re}$-3$^{e}$ (1$^{er}$ cycle) | 2 périodes hebdomadaires de 45 minutes |
| 4$^{e}$ & 5$^{e}$ (2$^{e}$ cycle) | 4 périodes hebdomadaires de 45 minutes |
| 6$^{e}$ & 7$^{e}$ (3$^{e}$ cycle) | 4 périodes hebdomadaires de 45 minutes |

Le programme d'ONL Irlandais a été introduit en septembre 2011, le programme d'ONL Maltais en 2012, et les programmes d'ONL Finnois et Suédois en 2013.

Cette version des programmes est une version légèrement revue et mise à jour des programmes existants. Elle s'appuie sur les bonnes pratiques mises en place et respecte le principe d'harmonisation tout en tenant compte des exigences nationales particulières.

Les programmes d'ONL de secondaire ont vocation à s'appuyer sur les savoir-faire que les élèves ont déjà acquis et à perfectionner leur maîtrise et leurs compétences linguistiques. Ils visent à promouvoir l'usage naturel de la langue dans la communication et à préparer les apprenants à suivre des études supérieures s'ils le souhaitent. Ils entendent doter les élèves de la capacité à manipuler et exploiter divers types de textes et à approfondir leur sensibilité à l'ONL concernée, sa culture et sa littérature.

Les programmes d'ONL reposent sur le *Cadre européen commun de référence pour l'enseignement et l'apprentissage les langues étrangères*[5] et le *Cadre européen des compétences clés pour l'éducation et la formation tout au long de la vie*[6].

---

[4] Version actuelle : 2011-01-D-33-fr-9
[5] Voir le Cadre européen commun de référence pour les langues : apprendre, enseigner, évaluer – Volume complémentaire, comprenant de nouveaux descripteurs (https://www.coe.int/fr/)
[6] Compétences clés pour l'éducation et la formation tout au long de la vie (Office des publications de l'Union européenne, 2019) (https://op.europa.eu)

A travers leurs objectifs, leur contenu et leurs méthodes, les programmes traduisent une approche commune harmonisée, favorisée par les Ecoles européennes dans le domaine des langues modernes et déjà adoptée par de nombreux systèmes nationaux.

Les programmes se concentrent sur les savoirs et les compétences à acquérir au terme de chaque cycle et abordent des objectifs généraux, des principes didactiques, des objectifs d'apprentissage, des contenus, l'évaluation ainsi que les descripteurs de niveaux atteints. Ils présentent les acquis de l'apprentissage que les élèves sont censés maîtriser au terme de chaque cycle et décrivent les savoirs et savoir-faire qu'ils acquerront pour communiquer efficacement.

La structure du programme est volontairement succincte mais fait l'objet d'un développement sous la forme d'un commentaire (voir l'Annexe 6.2.1). Le Sharepoint pédagogique (Microsoft Office 365) peut fournir un forum où trouver des directives, éclaircissements ou conseils supplémentaires.

## Einleitung

Mit Dokument 2011-01-D-33-de-7[7] über die Unterrichts- und Fächerorganisation an den Europäischen Schulen, das durch den Obersten Rat im April 2011 genehmigt wurde, wurden erstmals Sondervorkehrungen für den Unterricht von ALS (Andere Landessprachen - *Other National Languages*) eingeführt. Nach der Reform der Lehrpläne der Europäischen Schulen wurde im April 2019 durch den Obersten Rat ein neues Dokument zur Sprachenpolitik und Fächerorganisation, 2019-01-D-35-de-2, *Sprachenpolitik der Europäischen Schulen*, genehmigt, das im September 2019 in Kraft trat.

Unterricht und Lernen einer ALS an einer Europäischen Schule reflektieren in der Praxis die Kernprinzipien der Sprachenpolitik im System der Europäischen Schulen: Die vorrangige Bedeutung der Muttersprache (Sprache 1); die Anerkennung und das Engagement zur Unterstützung der Landessprachen jedes Mitgliedsstaates der Europäischen Union; das Angebot eines vielsprachigen Bildungssystems, das Mehrsprachigkeit fördert.

ALS-Klassen sind insofern „geschützt", als sie für gleich welche Anzahl von Schüler/innen der Kategorie I eingerichtet werden. ALS wird im ersten Klassenstufenbereich als zusätzliches Wahlfach angeboten, kann aber ab S4 als L4 gewählt werden.

Folgende Stundenplanvorgaben sind im Sekundarbereich für ALS zu beachten:

| | |
|---|---|
| Jahre S1 - S3 (Klassenstufenbereich 1) | 2 Unterrichtsstunden von 45 Minuten pro Woche |
| Jahre S4 - S5 (Klassenstufenbereich 2) | 4 Unterrichtsstunden von 45 Minuten pro Woche |
| Jahre S6 - S7 (Klassenstufenbereich 3) | 4 Unterrichtsstunden von 45 Minuten pro Woche |

Der Lehrplan Irisch ALS wurde im September 2011 eingeführt, der Lehrplan Maltesisch ALS 2012 und die Lehrpläne Finnisch und Schwedisch ALS 2013.

Diese Version der Lehrpläne ist eine geringfügig überarbeitete und aktualisierte Version der bestehenden Lehrpläne. Sie baut auf bestehenden bewährten Praktiken auf und respektiert den Grundsatz der Harmonisierung, während sie auch besondere nationale Anforderungen anerkennt.

Die ALS-Lehrpläne für den Sekundarbereich beruhen auf den bereits erworbenen Fertigkeiten der Schüler/innen und bezwecken den weiteren Ausbau ihres Wissens und ihrer Kompetenzen. Ihr Ziel ist die Förderung der natürlichen und kommunikativen Sprachverwendung sowie die Vorbereitung der

[7] Aktuelle Version: 2011-01-D-3-de-9

Lernenden auf eine Fortsetzung ihrer Erziehung im tertiären Bildungsbereichs, insofern dies gewünscht ist. Die Schüler/innen sollen lernen, mit unterschiedlichen Textformen umzugehen und diese einzusetzen, und ein besseres Verständnis der jeweiligen ALS, ihrer Sprache, Kultur und Literatur erwerben.

Die ALS-Lehrpläne stützen sich weitgehend auf das *Gemeinsame Europäische Rahmenwerk für den Unterrichts- und Lernprozess für Fremdsprachen*[8] *und das Europäische Rahmenwerk für Schlüsselkompetenzen für lebenslanges Lernen*.[9]

Die Lehrpläne spiegeln in ihren Zielsetzungen, in ihrem Inhalt und in ihren Methoden einen gemeinsamen, harmonisierten Zugang für die modernen Sprachen an den Europäischen Schulen wieder, wie dieser bereits in zahlreichen nationalen Bildungssystemen gefördert wird.

Die Lehrpläne zielen auf das Wissen und die Kompetenzen ab, die zum Ende einer jeden Stufe erreicht werden müssen, und enthalten allgemeine Zielsetzungen, didaktische Grundsätze, Lernziele, Lerninhalte, Beurteilungsmethoden sowie Leistungsdeskriptoren. Sie definieren die Lernergebnisse, die von den Schüler/innen zum Abschluss einer jeden Stufe erwartet werden, und beschreiben das Wissen und die Fertigkeiten, die sie sich aneignen müssen, um effizient kommunizieren zu können.

Die konzise Struktur ist beabsichtigt und wird durch einen Kommentar (siehe Anhang 6.2.1) weiter ausgeführt. Der pädagogische SharePoint (Microsoft Office 365) kann ein Forum für zusätzliche Leitlinien, Verdeutlichungen oder Ratschläge bieten.

## Id-Daħla

Dan huwa sillabu ġdid għat-tagħlim tal-Malti bħala l-Lingwa Nazzjonali Oħra (ONL) minn meta nħoloq dan il-kors ta' studju approvat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fil-15 t'April 2011 fuq id-dokument 2011-01-D-33-en-7[10] li jirregola dan il-kors ta' studju. Wara r-riforma tal-programmi ta' studju offruti fl-Iskejjel Ewropej, ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi f'April 2019 dokument ġdid fuq il-politika lingwistika u l-organizzazzjoni tal-istudji li daħal fis-seħħ f'Settembru tal-2019.

It-tagħlim ta' Lingwa Oħra Nazzjonali (ONL) fl-Iskola Ewropea jirrifletti fil-prattika l-prinċipji ewlenin tal-Politika Lingwistika tas-sistema tal-Iskejjel Ewropej: l-importanza primarja lit-tieni lingwa omm bħala l-ewwel lingwa; l-għarfien u l-impenn li kull ilsien nazzjonali ta' kull stat membru tal-Unjoni Ewropea għandu jkun appoġġjat; l-opportunità ta' sistema edukattiva multilingwi li tippromwovi l-plurilingwiżmu.

Il-klassijiet huwa 'protetti' jiġifieri l-Malti bħala kors ONL jingħata lill-istudenti kollha ta' Kategorija 1 li jiddeċiedu li jagħżluh. ONL jingħata bħala għażla addizzjonali fl-ewwel ċiklu imma jista' wkoll jittieħed bħal L4 sa mill-S4.

It-tqassim tal-lezzjonijiet fiċ-ċiklu tas-sekondarja huwa spjegat fit-tabella:

| | |
|---|---|
| Is-Snin S1 – S3 inkluża<br>(l-ewwel ċiklu) | 2 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |
| Is-Snin S4 – S5<br>(it-tieni ċiklu) | 4 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |
| Is-Snin S6 – S7<br>(it-tielet ċiklu) | 4 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |

[8] Siehe Gemeinsamer Europäischer Referenzrahmen für Sprachen: Learning, Teaching and Assessment Companion Volume with New Descriptors https://coe.int
[9] Schlüsselkompetenzen für lebenslanges Lernen (Amt für Veröffentlichung der EU, 2019) https://op.europa.eu
[10] Il-verżjoni preżenti ġġib ir-referenza 2011-01-D-3-en-9

Is-sillabu ONL tal-Irlandiż daħal fis-seħħ f'Settembru 2011, dak tal-Malti ONL fl-2012 filwaqt li dak Fillandiż u Svediż fl-2013.

Din il-verżjoni tas-sillabi hija waħda aġġornata u tinkludi xi tibdiliet żgħar minn dak li hemm fis-sillabi preżenti. Din il-verżjoni tibni fuq il-prattiċi tajbin eżistenti u tirrispetta l-prinċipju ta' armonizzazzjoni filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtiġijiet nazzjonali partikulari.

Is-sillabi tas-sekondarja ONL jaraw li jibnu fuq il-ħiliet li l-istudenti jkunu kisbu diġà u jaraw li jkomplu jiżviluppaw l-għarfien u l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom. Jaraw li jippromwovu l-użu naturali u komunikattiv tal-lingwa filwaqt li jħejju lill-istudenti biex ikunu jistgħu jkomplu bl-istudji tagħhom f'korsijiet ta' livell terzjarju jekk jixtiequ. Is-sillabi jipprovdu lill-istudenti bil-ħila li jinteraġixxu ma' tipi differenti ta' testi biex jakkwistaw għarfien aktar fil-fond tal-Onl partikulari, il-lingwa, il-kultura u l-letteratura.

Is-sillabi tal-ONL huma msawra fuq il-Qafas ta' Referenza Komuni Ewropea għat-Tagħlim tal-Lingwi Barranin (*Common European Framework of Reference for the Teaching and Learning of Foreign Languages*[11]) u fuq Il-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja (*European Framework for Key Competences for Lifelong Learning*[12]).
Dawn is-sillabi fihom livell għoli ta' xebh u qbil fejn jidħlu għanijiet, kontenut u metodoloġiji ma' dawk ta' lingwi oħra moderni li jintużaw kemm fl-Iskejjel Ewropej kif ukoll f'ħafna mis-sistemmi edukattivi tal-Istati Membri.

Is-sillabi jiffukaw fuq il-kompetenzi u l-għarfien meħtieġ li jridu jinkisbu sa tmiem kull ċiklu u jinkludu l-għanijiet ġenerali tal-Iskejjel Ewropej, il-prinċipji didattiċi, il-kisbiet mit-tagħlim, id-deskrizzjoni tal-kontenut, l-assessjar u d-deskritturi tal-kisbiet. Jagħtu wkoll il-kisbiet mit-tagħlim li l-istudenti mistennija jilħqu fi tmiem kull ċiklu tas-sekondarja u jiddeskrivu l-għarfien u l-ħiliet li jridu jiżviluppaw l-istudenti biex ikunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv.

L-istruttura tas-sillabu hija maħsuba li tkun fil-qosor, imma hija estiża permezz tal-kummentarji (ara anness). Ix-Sharepoint (Microsoft Office 365) tista' toffri forum għal linji gwida addizzjonali, kjarifikazzjonijet jew pariri.

[11] Ara Common European Framework of Reference for Languages: Learning,Teaching and Assessment Companion Volume with New Descriptors https://coe.int
[12] Id-dokument aġġornat, *Key Competencies for Lifelong Learning* (2019, Luxembourg Publication Office of the European Parliament) kien irrakkomandat mill-Kunsill tal-Ewropa u addottat mill-Parlament Ewropew fl-2019.

## 1. L-Għanijiet Ewlenin

L-Iskejjel Ewropej għandhom iż-żewġ għanijiet ewlenin li jipprovdu edukazzjoni formali u jħeġġu l-iżvilupp personali tal-istudenti f'kuntesti soċjali u kulturali usa'. L-edukazzjoni formali tinvolvi l-kisba ta' kompetenzi (għarfien, ħiliet u attitudnijiet) f'diversi oqsma. L-iżvilupp personali jseħħ hekk kif jitqiegħed f'taħlita ta' kuntesti spiritwali, morali, soċjali u kulturali. Jinvolvi l-konoxxenza ta' mġiba xierqa, il-fehim tal-ambjent li fih l-istudenti jgħixu u l-żviluppaw l-identità individwali tagħhom.

Dawn iż-żewġ għanijiet ewlenin huma mrawma fil-kuntest ta' kuxjenza msaħħa bir-rikkezza tal-kultura Ewropea. Il-kuxjenza u l-esperjenza ta' ħajja Ewropea kondiviża bejn kulħadd, għandhom jiggwidaw lill-istudenti lejn aktar rispett għat-tradizzjonijiet ta' kull pajjiż u reġjun fl-Ewropa filwaqt li jħarsu l-identitajiet nazzjonali tagħhom.

L-istudenti tal-Iskejjel Ewropej huma ċ-ċittadini t'għada tal-Ewropa u tad-dinja. Għaldaqstant, huma jkollhom bżonn għadd ta' kompetenzi jekk iridu jilqgħu l-isfidi ta' dinja li qed tinbidel malajr. Fl-2006 il-Kunsill tal-Ewropa u l-Parlament Ewropew addottaw il-Qafas Ewropew għall-Ħiliet Bażiċi għal Tagħlim Tul il-Ħajja. Dan identifika tmien kompetenzi bażiċi li l-individwi kollha jeħtieġu għat-twettiq u l-iżvilupp personali, għaċ-ċittadinanza attiva, għall-inklużjoni soċjali u għax-xogħol:

1. Il-kompetenza fil-litteriżmu
2. Il-kompetenza multilingwi
3. Il-kompetenza fil-matematika u l-kompetenzi fix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija
4. Il-kompetenza diġitali
5. Il-kompetenzi personali, soċjali u li titgħallem kif titgħallem
6. Il-kompetenza għaċ-ċittadinanza
7. Il-kompetenza għall-intraprenditorija
8. Il-kompetenza tal-għarfien kulturali u l-espressjoni

Is-sillabi tal-Iskejjel Ewropej jaraw li jiżviluppaw dawn it-tmien kompetenzi fl-istudenti tagħhom.

Is-sillabu tal-Malti ONL ifittex li jipprovdi opportunitajiet lill-istudenti biex jesperjenza l-kultura Maltija permezz tal-letteratura, il-mużika u l-folklor. Ma' dan jara wkoll li jkunu żviluppati l-kunfidenza u l-istima tal-istudent lejh/a nnifsu/nnifisha billi jgħinhom jifhmu l-identità tagħhom u l-wirt kulturali Ewropew

Il-kisbiet mit-tagħlim jitqabblu mal-livelli ta' referenza maħruġa mill-Kunsill tal-Ewropa fid-dokument Common European Framework of Reference for Languages (CEFR).

| Ċiklu | Livell Miksub (Livell ta' Profiċjenza Bażika) |
|---|---|
| L-1[el] ċiklu S1, S2 + S3 | A2 |
| It-2[ni] ċiklu S4 + S5 | B1 |
| It-3[et] ċiklu S6 + S7 | B2 |

Għat-tagħlim tal-lingwi barranin fis-sistema tal-Iskejjel Ewropej għandha ssir referenza għat-tabella li ġejja mbnija fuq il-benchmarks tas-CEFR

| | |
|---|---|
| L2 | C1 |
| L3 | B1+ |
| L4 | A2+ |
| ONL | B2 |

## 2. Il-Prinċipji Didattiċi

It-tagħlim tas-suġġett huwa mibni fuq dawn il-prinċipji didattiċi ewlenin:

- **Tagħlim Integrat:** Rabtiet u ħoloq bejn oqsma differenti tal-kurrikulu tal-Iskejjel Ewropej iwasslu biex it-tagħlim ikun esperjenza sħiħa u sinifikanti.
- **Tagħlim Attiv:** L-istudenti bil-mod il-mod jaslu jkunu responsabbli għall-proċess tat-tagħlim tagħhom infushom.

Dawn il-prinċipji għandhom jitħaddmu permezz ta' taħlita ta' approaches u strateġiji ta' tagħlim, l-użu ta' metodi ta' tagħlim differenzjat, u l-użu ta' firxa wiesgħa ta' riżorsi għat-tagħlim li jinkludu għodod u riżorsi diġitali.

Dawn il-prinċipji didattiċi li ġejjin huma maħsuba biex jiggwidaw it-tagħlim tal-Malti ONL:

- Il-kompetenza komunikattiva tal-lingwa għandha tkun l-għan globali tat-tagħlim.
- Il-ħiliet tas-smigħ, il-qari, l-interazzjoni u l-produzzjoni mitkellma, u l-kitba għandhom ikunu żviluppati kollha, imma l-piż relattiv tagħhom għandu jitqies skont iċ-ċiklu tat-tagħlim.
- It-tagħlim għandu jqis il-progressjoni tal-istudenti permezz tal-istadji differenti fl-akkwist tagħhom tal-lingwa
- Il-lingwa mgħallma għandha tintuża kemm jista' jkun.
- L-istudenti għandhom jiġu mħajra jibnu fuq l-istrateġiji tat-tagħlim u l-ħiliet eżistenti tal-lingwa.
- Varjetà ta' metodi u strateġiji tat-tagħlim għandhom jintużaw.
- Il-metodoloġiji tat-tagħlim differenzjat għandhom jintużaw biex jintlaħqu l-ħtiġijiet differenti tal-istudenti kollha.
- L-istili differenti li bihom jitgħallmu l-istudenti, il-pass tat-tagħlim tagħhom, il-ħiliet soċjali u s-saħħiet u d-dgħufijiet tagħhom għandhom jintużaw bl-aħjar mod possibbli.
- L-istudenti jaslu jiksbu l-ħeffa, il-preċiżjoni u l-indipendenza fil-lingwa billi jużaw firxa ta' riżorsi għat-tagħlim li jinkludu l-ICT (it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni)
- Ħakma tajba tal-lingwa f'kuntest tippresupponi fehim tal-lingwa bħala sistema miksub b'mod progressiv.
- Prijorità għandha tingħata lill-funzjonalità waqt it-tagħlim tal-grammatika, morfoloġija u vokabularju.
- Il-kompetenza soċjolingwistika tal-istudenti għandha tkun żviluppata biex tinkludi l-għarfien ta' aspetti bħar-reġistru lingwistiku, varjetajiet lingwistiċi, eċċ.
- L-għarfien kulturali tal-istudenti għandu jitrawwem permezz tal-użu tal-letteratura u testi awtentiċi.
- L-istudenti jridu jiżviluppaw apprezzament tal-iżvilupp tal-lingwa u d-dimensjoni Ewropea u globali tagħha.

Il-lista t'hawn fuq mhijiex eżawrenti u lanqas ma hija fl-ordni ta' importanza.

## 3. Il-Kisbiet tat-Tagħlim

Din it-taqsima tistabilixxi l-kisbiet tat-tagħlim ewlenin li jridu jintlaħqu fi tmiem it-tliet cikli. Dawn iċ-ċikli jkomplu jibnu fuq u jiżviluppaw aktar il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba mill-istudenti fil-klassijiet tal-maternelle u l-primarja li jinsabu fid-dokumernt *Maltese ONL Syllabus for the Nursery and Primary* published in 2017.[13]

### Il-Kisbiet tat-Tagħlim għall-Ewwel Ċiklu (S1-S3)

[13] See document 2017-01-D62-mt-2

Sa tmiem l-ewwel ċiklu, l-istudenti se jkunu kapaċi:

1. jifhmu taħdit standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbdu l-punt ewlieni ta' avviżi u messaġġi ċari u qosra
2. jaqraw u jifhmu testi miktuba, sempliċi u qosra, fuq temi familjari u materji marbuta mal-ħajja ta' kuljum miktuba bil-Malti bħal sinjali fil-klassi tal-Malti, siti elettroniċi bil-Malti, eċċ.
3. jipparteċipaw f'konverzazzjonijiet fuq attivitajiet u temi familjari
4. jiddeskrivu d-dinja personali tagħhom (il-familja, il-passatempi, il-belt tagħhom, l-iskola eċċ) b'xi ftit referenza għall-passat u l-futur
5. jiktbu noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji marbuta mal-ħajja ta' kuljum
6. juru għarfien u fehim bażiku tal-kultura Maltija u l-komunitajiet Maltin
7. jirrelataw l-għarfien kulturali miksub ma' dak ta' Malta u l-komunitajiet Maltin
8. jidentifikaw u japplikaw għadd ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwi
9. japplikaw għodod u ħiliet bażiċi ta' studju fit-tagħlim tal-lingwa fil-mira

**Il-Kisbiet tat-Tagħlim għat-Tieni Ċiklu (S4-S5)**

Sa tmiem it-tieni ċiklu, l-istudenti se jkunu kapaċi:

1. jifhmu diskors mitħaddet b'mod standard marbut mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa', u jifhmu l-punti ewlenin ta' programmi tar-radju jew TV meta dawn jitwasslu bil-mod u b'mod ċar
2. jaqraw u jifhmu testi b'lingwaġġ tal-ħajja ta' kuljum u jisiltu informazzjoni speċifika minn testi qosra letterarji u mhux
3. jieħdu sehem f'konverzazzjonijiet u qsim ta' informazzjoni marbuta mal-ħajja ta' kuljum u ma' temi ta' interess ġenerali
4. jiddeskrivu b'mod orali, b'koerenza, l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tagħhom, u jirrakkuntaw storja jew plott ta' ktieb jew film
5. jiktbu testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum
6. juru fehim u għarfien tal-kultura Maltija relatat mas-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha
7. jafu u jużaw kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxu ma' kelliema tal-Malti
8. jagħżlu strateġiji effettivi biex jorganizzaw it-tagħlim lingwistiku individwali tagħhom
9. ifittxu, jiġbru u jipproċessaw informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppaw il-ħiliet lingwistiċi tagħhom.

**Il-Kisbiet tat-Tagħlim għat-Tielet Ċiklu (S6-S7)**

Sa tmiem it-tielet ċiklu, l-istudenti se jkunu kapaċi:

1. jifhmu diskors standard marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal aħbarijiet, clips minn programmi tar-radju u televixin, podcasts bl-internet u films qosra
2. jaqraw u jifhmu testi fuq problemi kontemporanji li fihom il-kittieba jieħdu perspettiva partikulari, jifhmu u janalizzaw testi letterarji xierqa ta' proża u poeżija

3. jinteraġixxu ma' kelliema nattivi, jipparteċipaw f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimu l-fehmiet personali tagħhom bi spontanjetà u ħeffa raġonevoli
4. jippreżentaw deskrizzjonijiet iddettaljati u b'mod ċar fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti marbuta mal-qasam ta' interess tagħhom, u jagħtu raġunijiet u spjegazzjonijiet għall-fehmiet u l-pjanijiet tagħhom.
5. jiktbu testi ddettaljati b'mod ċar u preċiż bħal komponimenti, rapport, ittri u bloggs, li fihom jesprimu l-fehmiet jew l-impressjonijiet tagħhom fuq firxa xierqa ta' temi ta' interess ġenerali
6. juru għarfien u fehim profond tal-kultura Maltija li jinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti in ġenerali
6. jutilizzaw firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġbu għall-isterjotipi kulturali
7. iżidu r-responsabbiltà għat-tagħlim lingwistiku tagħhom
8. jevalwaw b'mod kritiku r-riżorsi disponibbli u jagħżlu dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal udjenza u skopijiet mogħtija

## 4. Il-Kontenut (ħarsa ħafifa – id-deskrizzjoni sħiħa tinsab f'Anness 6.2.1

### L-EWWEL ĊIKLU (S1-S3)

Fi tmiem l-ewwel ċiklu, l-istudenti jkunu kisbu:

- ftit tagħrif tal-pronunzja, l-intonazzjoni u xi regoli ortografiċi
- tagħrif tal-vokabularju mill-ħajja ta' kuljum u frażijiet idjomatiċi
- tagħrif fuq il-forom tal-kliem u strutturi grammatikali sempliċi
- tagħrif ta' kif jużaw id-dizzjunarju u riżorsi oħra inklużi dawk ICT
- għarfien tal-kultura tal-pajjiż/komunità tal-lingwa fil-mira
- xi tagħrif dwar strateġiji bażiċi tat-tagħlim tal-lingwa li jinkludi l-għarfien tal-progress tagħhom infushom.

### IT-TIENI ĊIKLU (S4-S5)

Billi jkomplu jibnu fuq l-għarfien u l-ħiliet miksuba fl-ewwel ċiklu, l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu fl-aħħar tat-tieni ċiklu dawn li ġejjin:

- tagħrif tajjeb tal-pronunzja, l-intonazzjoni u tisħiħ tar-regoli ortografiċi
- firxa usa' ta' vokabularju u frażijiet idjomatiċi
- firxa usa' ta' forom tal-kliem u strutturi grammatikali
- tagħrif fuq kif jagħmlu xogħol fuq proġetti, bl-użu ta' firxa ta' riżorsi inklużi dawk bl-ICT
- xi tagħrif fuq l-istorja u l-kultura tal-pajjiż/komunità tal-lingwa fil-mira bi ftit espożizzjoni għal testi letterarji
- firxa ta' strateġiji tat-tagħlim tal-lingwa u l-għodod biex jevalwaw lilhom infushom.

### IT-TIELET ĊIKLU (S6-S7)

Billi jkomplu jibnu fuq l-għarfien u l-ħiliet miksuba fit-tieni ċiklu, l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu fl-aħħar tat-tielet ċiklu dawn li ġejjin:

- tagħrif ta' reġistri differenti tal-lingwa għal skopijiet differenti
- firxa wiesgħa ta' vokabularju li jinkludi dak marbut ma' kunċetti astratti
- firxa ta' strutturi grammatikali kumplessi
- strateġiji li jgħinuhom fir-riċerka indipendenti, bl-użu ta' firxa ta' riżorsi inklużi dawk bl-ICT
- għarfien tal-kultura tal-pajjiż/komunità tal-lingwa fil-mira li jinkludi l-istudju ta' testi letterarji
- strateġiji indipendenti għat-tagħlim tal-lingwa u l-ħila li jevalwaw it-tagħlim tagħhom stess.

## 5. L-Assessjar

L-għalliema tal-lingwa huma mħeġġa jassessjaw il-kompetenzi lingwistiċi kollha hekk kif murija fid-deskrituri tal-kisbiet mit-tagħlim.

### L-Ewwel Ċiklu (S1- S3)

A) L-Assessjar Formattiv

Dan l-assessjar għandu jkun prinċipalment formattiv. Permezz tal-osservazzjonijet tal-għalliema, testijiet u l-awtoassessjar, l-istudenti jiksbu għarfien tal-livell u l-progress tagħhom matul il-kors. Dan assessjar jinbena fuq il-kisbiet mit-tagħlim ta' dan iċ-ċiklu.

### It-Tieni Ċiklu (S4 - S5)

A) L-Assessjar Formattiv

Dan l-assessjar għandu jkun prinċipalment formattiv. Permezz tal-osservazzjonijet tal-għalliema, testijiet u l-awtoassessjar, l-istudenti jiksbu għarfien tal-livell u l-progress tagħhom matul il-kors. Dan assessjar jinbena fuq il-kisbiet mit-tagħlim ta' dan iċ-ċiklu.

B) L-Assessjar Summattiv

Fl-aħħar taċ-ċiklu, jkun hemm eżami tal-kitba skont ir-rekwiżiti li hemm fid-dokument *Harmonised assessment at the end of year 5 and written examinations leading to B marks in year 5* **2018-01-D-19-en-2**.

### It-Tielet Ċiklu (S6- S7)

A) L-Assessjar Formattiv

Dan l-assessjar għandu jkun prinċipalment formattiv. Permezz tal-osservazzjonijet tal-għalliema, testijiet u l-awtoassessjar, l-istudenti jiksbu għarfien tal-livell u l-progress tagħhom matul il-kors.

B) L-Assessjar Summattiv

Fi tmiem it-tielet ċiklu, fl-eżami finali għall-Bakkalawrijat, l-istudenti Maltin joqogħdu għal eżami ċentralizzat tal-kitba. L-eżamijiet normalment ikopru s-sillabu tas-7 sena imma jittestjaw ukoll l-għarfien miksub fis-snin ta' qabel, speċjalment dak li sar fis-6 sena.

Meta l-istudenti joqogħdu għall-karta tal-kitba fl-eżami finali tal-Bakkalawrijat, il-ħiliet tagħhom tas-smigħ u t-taħdit għandhom ikun assessjati formalment matul l-aħħar sena u għandhom ikunu parti integrali mill-assessjar marbut mal-B mark, li flimkien mal-A mark jiffurmaw is-C mark tas-suġġett.

It-tqassim tal-karta tal-eżami fil-kitba:
Il-karta tal-kitba jkun fiha tliet taqsimiet ewlenin:
Taqsima 1: test għall-fehim mill-qari u mistoqsijiet dwaru. Ikun hemm ukoll f'din it-taqsima, eżerċizzju fuq it-tħaddim tajjeb tal-metalingwa.
Taqsima 2: taħriġ fil-produzzjoni ta' kitba ta' madwar 250 kelma fuq tema li ftit jew wisq tkun marbuta mat-test tal-qari.
Taqsima 3: Taħriġ fil-kitba magħmul minn żewġ komponimenti letterarji u analiżi ta' test letterarju preskritt.

### 5.1 Id-Deskritturi tal-Kisbiet

| Marka | Denominatur | Grad | Kompetenza | Ċiklu 1 | Ċiklu 2 | Ċiklu 3 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **9-10** | Eċċellenti | A | Is-Smigħ | L-istudent/a juri/turi fehim **eċċellenti** tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad b'mod **eċċellenti** il-punti ewlenin ta' messaġġi u avviżi qosra u ċari. | L-istudent/a juri/turi fehim **eċċellenti** tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi temi ta' interess usa' u fehim **eċċellenti** tal-punti ewlenin ta' programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | L-istudent/a juri/turi fehim **eċċellenti** tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a għandu/ha livell **eċċellenti** ta' qari u fehim ta' testi qosra, sempliċi dwar temi familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a għandu/ha livell **eċċellenti** ta' qari u fehim ta' testi b'lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum, u jikseb/tikseb b'mod **eċċellenti** informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | L-istudent/a għandu/ha livell **eċċellenti** ta' qari u fehim ta' testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. L-istudent/a juri/turi wkoll livell **eċċellenti** ta' fehim u analiżi ta' testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | Interazzjoni mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu **sehem ħafna b'mod attiv u fluwenti** | L-istudent/a jieħu/tieħu **sehem ħafna b'mod attiv u fluwenti** f'konverżazzjonijiet u | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **ħafna b'mod attiv u fluwenti** ma' kelliema nattivi u jieħu/tieħu |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | f'konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | jaqsam/ taqsam **b'mod eċċellenti** informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali. | sehem **b'mod eċċellenti** f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi l-fehmiet personali bi **spontanjetà u ħeffa eċċellenti** |
| | | | Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a jiddeskrivi/tiddeskrivi **b'mod eċċellenti** d-dinja personali tiegħu/tagħha b'xi referenza għall-passat u l-futur. | L-istudent/a kapaċi jiddeskrivi/tiddeskrivi **b'mod eċċellenti** u b'koerenza l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u jirrakkonta/tirrakkonta **b'mod eċċellenti** storja jew plott ta' ktieb jew film. | L-istudent/a kapaċi jippreżenta/tippreżenta **b'mod eċċellenti** deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha, u jagħti/tagħti **b'mod eċċellenti** raġunijiet u spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a jikteb/tikteb **b'mod eċċellenti** noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji tal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb **b'mod eċċellenti** testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb **b'mod eċċellenti,** b'ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a juri/turi **b'mod eċċellenti** għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal- | L-istudent/a juri/turi **b'mod eċċellenti** xi għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi | L-istudent/a juri/turi **b'mod eċċellenti** għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s- |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u kapaċi jirrelata/tirrelata **b'mod eċċellenti** l-kuxjenza kulturali miksuba ma' dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha u għandu/ha **għarfien eċċellenti** u juża/tuża **b'mod eċċellenti** kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma' kelliema tal-lingwa fil-mira. | soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti b'mod ġenerali, u **b'mod eċċellenti** jutilizza/tutilizza firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika **b'mod eċċellenti** firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u japplika/tapplika **b'mod eċċellenti** firxa ta' għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a jagħżel/tagħżel **b'mod eċċellenti** strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u jipproċessa/tipproċessa **b'mod eċċellenti** informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | L-istudent/a kapaċi **b'mod eċċellenti** jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u **b'mod eċċellenti** jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |
| | | | | | | |
| **8-8.9** | Tajjeb Ħafna | B | Is-smigħ | L-istudent/a juri/turi fehim **tajjeb ħafna** tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' | L-istudent/a juri/turi fehim **tajjeb ħafna** tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi | L-istudent/a juri/turi fehim **tajjeb ħafna** tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad **tajjeb ħafna** l-punti ewlenin ta’ messaġġi u avviżi qosra u ċari. | temi ta’ interess usa’ u fehim **tajjeb ħafna** tal-punti ewlenin ta’ programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a għandu/ha **livell tajjeb ħafna** ta’ qari u fehim ta’ testi qosra, sempliċi dwar temi familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta’ kuljum. | L-istudent/a għandu/ha livell **tajjeb ħafna** ta’ qari u fehim ta’ testi b’lingwaġġ mill-ħajja ta’ kuljum, u jikseb/tikseb **b’mod tajjeb ħafna** informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | L-istudent/a għandu/ha livell **tajjeb ħafna** ta’ qari u fehim ta’ testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. L-istudent/a juri/turi wkoll livell **tajjeb ħafna** ta’ fehim u analiżi ta’ testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | L-Interazzjoni Mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu **sehem b’mod attiv u fluwenti** f’konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | L-istudent/a jieħu/tieħu **sehem b’mod attiv u fluwenti** f’konverzazzjonijiet u jaqsam/ taqsam **b’mod tajjeb ħafna** informazzjoni fuq il-ħajja ta’ kuljum u temi ta’ interess ġenerali. | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **b’mod attiv u fluwenti** ma’ kelliema nattivi u jipparteċipa/tipparteċipa **tajjeb ħafna** f’diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi l-fehmiet personali bi **spontanjetà u ħeffa tajbin ħafna.** |
| | | | Il-Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a jiddeskrivi/tiddeskrivi **tajjeb ħafna** d-dinja personali | L-istudent/a kapaċi jiddeskrivi/tiddeskrivi **tajjeb ħafna** oralment u b’koerenza l-esperjenzi, it- | L-istudent/a kapaċi jippreżenta/tippreżenta **tajjeb ħafna** deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta’ |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | tiegħu/tagħha b’xi referenza għall-passat u l-futur. | tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u jirrakkonta/tirrakkonta **tajjeb ħafna** storja jew plott ta’ ktieb jew film. | suġġetti marbuta mal-oqsma ta’ interess tiegħu/tagħha, u **tajjeb/tajba ħafna biex** jagħti/tagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a jikteb/tikteb **tajjeb ħafna** noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji tal-ħajja ta’ kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb **tajjeb ħafna** testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta’ kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb **tajjeb ħafna,** b’ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta’ interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a juri/turi **tajjeb ħafna** għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u kapaċi jirrelata/tirrelata **tajjeb ħafna** l-kuxjenza kulturali miksuba ma’ dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | L-istudent/a juri/turi **tajjeb ħafna** xi għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha u għandu/ha **għarfien tajjeb ħafna** u juża/tuża **tajjeb ħafna** kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma’ kelliema tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a juri/turi **tajjeb ħafna** għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti b’mod ġenerali, u jutilizza/tutilizza **tajjeb ħafna** firxa ta’ kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika **tajjeb ħafna** firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u japplika/tapplika **tajjeb ħafna** firxa ta' għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a jagħżel/tagħżel t**ajjeb ħafna** strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u jipproċessa/tipproċessa **tajjeb ħafna** informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | L-istudent/a **tajjeb/tajba ħafna** biex jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u **tajjeb/tajba ħafna** biex jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |
| | | | | | | |
| **7-7.9** | Tajjeb | C | Is-Smigħ | L-istudent/a juri/turi fehim **tajjeb** tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad **tajjeb** il-punti ewlenin ta' messaġġi u avviżi qosra u ċari. | L-istudent/a juri/turi fehim **tajjeb** tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi temi ta' interess usa' u fehim **tajjeb** tal-punti ewlenin ta' programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | L-istudent/a juri/turi fehim **tajjeb** tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a għandu/ha **livell tajjeb** ta' qari u fehim ta' testi qosra, sempliċi dwar temi | L-istudent/a għandu/ha livell **tajjeb** ta' qari u fehim ta' testi b'lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum, u jikseb/tikseb **b'mod tajjeb** | L-istudent/a għandu/ha livell **tajjeb** ta' qari u fehim ta' testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta' kuljum. | informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | partikulari. L-istudent/a juri/turi wkoll livell **tajjeb** ta' fehim u analiżi ta' testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | L-Interazzjoni Mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu **sehem b'mod attiv u b'ħeffa raġonevoli** f'konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | L-istudent/a jieħu/tieħu **sehem b'mod attiv uu b'ħeffa raġonevoli** f'konverzazzjonijiet u **kapaċi** jaqsam/ taqsam informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali. | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **b'mod attiv u b'ħeffa raġonevoli** ma' kelliema nattivi u **kapaċi** jipparteċipa/tipparteċipa f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi l-fehmiet personali bi **spontanjetà u ħeffa raġonevoli.** |
| | | | Il-Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a jiddeskrivi/tiddeskrivi **tajjeb** id-dinja personali tiegħu/tagħha b'xi referenza għall-passat u l-futur. | L-istudent/a kapaċi jiddeskrivi/tiddeskrivi **tajjeb** oralment u b'koerenza l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u jirrakkonta/tirrakkonta **tajjeb** storja jew plott ta' ktieb jew film. | L-istudent/a kapaċi jippreżenta/tippreżenta **tajjeb** deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha, u **tajjeb/tajba** biex jagħti/tagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a jikteb/tikteb **tajjeb** noti, messaġġi, emails u ittri qosra u | L-istudent/a jikteb/tikteb **tajjeb** testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet | L-istudent/a jikteb/tikteb **tajjeb,** b'ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | sempliċi fuq materji tal-ħajja ta' kuljum. | marbuta mal-ħajja ta' kuljum. | bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a juri/turi **tajjeb** għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u kapaċi jirrelata/tirrelata **tajjeb** il-kuxjenza kulturali miksuba ma' dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | L-istudent/a juri/turi **tajjeb** i għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha u għandu/ha **għarfien tajjeb** u juża/tuża **tajjeb** kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma' kelliema tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a juri/turi **tajjeb** għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti b'mod ġenerali, u jutilizza/tutilizza **tajjeb** firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika **tajjeb** firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u japplika/tapplika **tajjeb** firxa ta' għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a jagħżel/tagħżel t**ajjeb** strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u jipproċessa/tipproċessa **tajjeb** informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | L-istudent/a **tajjeb/tajba** biex jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u **tajjeb/tajba** biex jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **6-6.9** | Sodisfaċenti | D | Is-Smigħ | L-istudent/a juri/turi fehim **sodisfaċenti** tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad b'mod **sodisfaċenti** l-punti ewlenin ta' messaġġi u avviżi qosra u ċari. | L-istudent/a juri/turi fehim **sodisfaċenti** tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi temi ta' interess usa' u fehim **sodisfaċenti** tal-punti ewlenin ta' programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | L-istudent/a juri/turi fehim **sodisfaċenti** tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a għandu/ha **livell sodisfaċenti** ta' qari u fehim ta' testi qosra, sempliċi dwar temi familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a għandu/ha livell **sodisfaċenti** ta' qari u fehim ta' testi b'lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum, u jikseb/tikseb **b'mod sodisfaċenti** informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | L-istudent/a għandu/ha livell **sodisfaċenti** ta' qari u fehim ta' testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. L-istudent/a juri/turi wkoll livell **sodisfaċenti** ta' fehim u analiżi ta' testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | L-Interazzjoni Mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **b'xi ħeffa** f'konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **b'xi ħeffa** f'konverzazzjonijiet u b'mod **sodisfaċent**i jaqsam/ taqsam informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali. | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **b'xi ħeffa** ma' kelliema nattivi u jipparteċipa/tipparteċipa b'mod **sodisfaċenti** f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | l-fehmiet personali **b'xi spontanjetà u ħeffa.** |
| | | | Il-Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a jiddeskrivi/tiddeskrivi b'mod **sodisfaċenti** d-dinja personali tiegħu/tagħha b'xi referenza għall-passat u l-futur. | L-istudent/a kapaċi jiddeskrivi/tiddeskrivi oralment b'mod **sodisfaċenti** u b'koerenza l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u jirrakkonta/tirrakkonta b'mod **sodisfaċenti** storja jew plott ta' ktieb jew film. | L-istudent/a kapaċi jippreżenta/tippreżenta b'mod **sodisfaċenti** deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha, u b'mod **sodisfaċenti** jagħti/tagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **sodisfaċenti** noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji tal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **sodisfaċenti** testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **sodisfaċenti,** b'ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a juri/turi b'mod **sodisfaċenti** għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u kapaċi | L-istudent/a juri/turi b'mod **sodisfaċenti** xi għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest | L-istudent/a juri/turi b'mod **sodisfaċenti** għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | jirrelata/tirrelata b'mod **sodisfaċenti** l-kuxjenza kulturali miksuba ma' dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | tagħha u għandu/ha **għarfien sodisfaċenti** u jużа/tużа **b'mod sodisfaċenti** kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma' kelliema tal-lingwa fil-mira. | b'mod ġenerali, u jutilizza/tutilizza b'mod **sodisfaċenti** firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika b'mod **sodisfaċenti** firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u japplika/tapplika b'mod **sodisfaċenti** firxa ta' għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a jagħżel/tagħżel b'mod **sodisfaċenti** strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u jipproċessa/tipproċessa b'mod **sodisfaċenti** informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | L-istudent/a juri/turi **b'mod sodisfaċenti** li kapaċi jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u b'mod **sodisfaċenti** jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **5-5.9** | Suffiċjenti | E | Is-Smigħ | L-istudent/a juri/turi fehim **suffiċjenti** tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad b'mod **suffiċjenti** l-punti ewlenin ta' messaġġi u avviżi qosra u ċari. | L-istudent/a juri/turi fehim **suffiċjenti** tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi temi ta' interess usa' u fehim **suffiċjenti** tal-punti ewlenin ta' programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | L-istudent/a juri/turi fehim **suffiċjenti** tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a għandu/ha **livell suffiċjenti** ta' qari u fehim ta' testi qosra, sempliċi dwar temi familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a għandu/ha livell **suffiċjenti** ta' qari u fehim ta' testi b'lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum, u jikseb/tikseb **b'mod suffiċjenti** informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | L-istudent/a għandu/ha livell **suffiċjenti** ta' qari u fehim ta' testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. L-istudent/a juri/turi wkoll livell **suffiċjenti** ta' fehim u analiżi ta' testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | L-Interazzjoni Mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **b'ħeffa limitata** f'konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **b'ħeffa limitata** f'konverzazzjonijiet u b'mod **suffiċjenti** jaqsam/ taqsam informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali. | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **b' ħeffa limitata** ma' kelliema nattivi u jipparteċipa/tipparteċipa b'mod **suffiċjenti** f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi l- |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | fehmiet personali **bi spontanjetà u ħeffa limitati.** |
| | | | Il-Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a jiddeskrivi/tiddeskrivi b'mod **suffiċjenti** d-dinja personali tiegħu/tagħha b'xi referenza għall-passat u l-futur. | L-istudent/a kapaċi jiddeskrivi/tiddeskrivi oralment b'mod **suffiċjenti** u b'koerenza l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u jirrakkonta/tirrakkonta b'mod **suffiċjenti** storja jew plott ta' ktieb jew film. | L-istudent/a kapaċi jippreżenta/tippreżenta b'mod **suffiċjenti** deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha, u b'mod **suffiċjenti** jagħti/tagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **suffiċjenti** noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji tal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **suffiċjenti** testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **suffiċjenti,** b'ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a juri/turi b'mod **suffiċjenti** għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u kapaċi jirrelata/tirrelata b'mod | L-istudent/a juri/turi b'mod **suffiċjenti** xi għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha u | L-istudent/a juri/turi b'mod **suffiċjenti** għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | **sufficjenti** l-kuxjenza kulturali miksuba ma' dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | għandu/ha **għarfien sufficjenti** u juża/tuża **b'mod sufficjenti** kodicijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma' kelliema tal-lingwa fil-mira. | b'mod ġenerali, u jutilizza/tutilizza b'mod **sufficjenti** firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika b'mod **sufficjenti** firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u japplika/tapplika b'mod **sufficjenti** firxa ta' għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a jagħżel/tagħżel b'mod **sufficjenti** strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u jipproċessa/tipproċessa b'mod **sufficjenti** informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | L-istudent/a juri/turi **b'mod sufficjenti** li kapaċi jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u b'mod **sufficjenti** jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **3-4.9** | Falla (dgħajjef) | F | Is-Smigħ | L-istudent/a juri/turi fehim **limitat** tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad b'mod **limitat** il-punti ewlenin ta' messaġġi u avviżi qosra u ċari. | L-istudent/a juri/turi fehim **limitat** tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi temi ta' interess usa' u fehim **limitat** tal-punti ewlenin ta' programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | L-istudent/a juri/turi fehim **limitat** tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a għandu/ha **livell limitat** ta' qari u fehim ta' testi qosra, sempliċi dwar temi familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a għandu/ha livell **limitat** ta' qari u fehim ta' testi b'lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum, u jikseb/tikseb **b'mod limitat** informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | L-istudent/a għandu/ha livell **limitat** ta' qari u fehim ta' testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. L-istudent/a juri/turi wkoll livell **limitat** ta' fehim u analiżi ta' testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | L-Interazzjoni Mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **b'ħeffa limitata ħafna** f'konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **b'ħeffa limitata ħafna** f'konverzazzjonijiet u b'mod **limitat** jaqsam/ taqsam informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali. | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **b' ħeffa limitata ħafna** ma' kelliema nattivi u jipparteċipa/tipparteċipa **b'diffikultà** f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi l-fehmiet personali **bi spontanjetà u ħeffa limitati ħafna.** |
| | | | Il-Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a jiddeskrivi/tiddeskrivi **b'diffikultà** d-dinja personali tiegħu/tagħha b'xi referenza għall-passat u l-futur. | L-istudent/a kapaċi **b'diffikultà** jiddeskrivi/tiddeskrivi oralment u b'koerenza l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u jirrakkonta/tirrakkonta | L-istudent/a kapaċi jippreżenta/tippreżenta **b'diffikultà** deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha, u **b'diffikultà** jagħti/tagħti raġunijiet u |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **b'diffikultà** storja jew plott ta' ktieb jew film. | spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a jikteb/tikteb **b'diffikultà** noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji tal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb **b'diffikultà** testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a jikteb/tikteb b'mod **b'diffikultà,** b'ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a juri/turi **b'diffikultà** għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u kapaċi jirrelata/tirrelata **b'diffikultà** l-kuxjenza kulturali miksuba ma' dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | L-istudent/a juri/turi **b'diffikultà** xi għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha u għandu/ha **għarfien limitat** u juża/tuża **b'diffikultà** kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma' kelliema tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a juri/turi **b'diffikultà** għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti b'mod ġenerali, u jutilizza/tutilizza **b'diffikultà** firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika **b'diffikultà** firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u japplika/tapplika **b'diffikultà** firxa ta' għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a jagħżel/tagħżel **b'diffikultà** strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u jipproċessa/tipproċessa **b'diffikultà** informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | L-istudent/a juri/turi **b'diffikultà** li kapaċi jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u **b'diffikultà** jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **0-2.9** | Falla (Dgħajjef Ħafna) | FX | Is-Smigħ | L-istudent/a juri/turi **ftit li xejn** fehim tad-diskors standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbad/taqbad **ftit li xejn** il-punti ewlenin ta' messaġġi u avviżi qosra u ċari. | L-istudent/a juri/turi **ftit li xejn** fehim tad-diskors standard marbut ma' esperjenzi personali u xi temi ta' interess usa' u **ftit li xejn** fehim tal-punti ewlenin ta' programmi tar-radju u televixin meta jintuża taħdit bil-mod u ċar. | L-istudent/a juri/turi **ftit li xejn** fehim tad-diskors marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal punti tal-aħbarijiet, siltiet minn programmi tar-radju u t-televixin, podcasts mill-internet u films qosra. |
| | | | Il-Qari | L-istudent/a **ftit li xejn** jaqra/taqra u jifhem/tifhem testi qosra u sempliċi dwar temi familjari u ħwejjeġ marbut mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a **ftit li xejn** jaqra/ taqra u jifhem/tifhem testi b'lingwaġġ mill-ħajja ta' kuljum, u jikseb/tikseb **ftit li xejn** informazzjoni speċifika minn testi letterarji u mhux. | L-istudent/a **ftit li xejn** jaqra/taqra u jifhem/tifhem testi li jmissu problemi kontemporanji li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. L-istudent/a **ftit li xejn** juri/turi fehim u analiżi ta' testi letterarji xierqa, inklużi poeżija u proża. |
| | | | L-Interazzjoni Mitkellma | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **ftit li xejn, b'ħeffa limitata ħafna,** f'konverzazzjonijiet fuq temi u attivitajiet familjari. | L-istudent/a jieħu/tieħu sehem **ftit li xejn b'ħeffa limitata ħafna** f'konverzazzjonijiet u **ftit li xejn** jaqsam/ taqsam informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali. | L-istudent/a jinteraġixxi/tinteraġixxi **ftit li xejn u b' ħeffa limitata ħafna** ma' kelliema nattivi u jipparteċipa/tipparteċipa **ftit li xejn** f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimi/tesprimi l-fehmiet personali **bi ftit li xejn spontanjetà u ħeffa.** |
| | | | Il-Produzzjoni Mitkellma | L-istudent/a **kważi ma jistax/tistax** jiddeskrivi/tiddeskrivi d-dinja personali tiegħu/tagħha b'xi referenza għall-passat u l-futur. | L-istudent/a **kważi ma jistax/tistax** jiddeskrivi/tiddeskrivi oralment u b'koerenza l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha, u **kważi ma jistax/tistax** | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** jippreżenta/tippreżenta deskrizzjonijiet ċari u ddettaljati fuq firxa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha, u **kważi mhux/mhix kapaċi** jagħti/tagħti raġunijiet u |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | jirrakkonta/tirrakkonta storja jew plott ta' ktieb jew film. | spjegazzjonijiet għall-opinjonijiet u l-pjanijiet tiegħu/tagħha. |
| | | | Il-Kitba | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** jikteb/tikteb noti, messaġġi, emails u ittri qosra u sempliċi fuq materji tal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** jikteb/tikteb testi sempliċi u koerenti fuq temi, esperjenzi u opinjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum. | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** jikteb/tikteb b'ċarezza u eżattezza, testi ddettaljati bħal komponimenti, rapporti, ittri u bloggs, li jesprimu fehmiet jew impressjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' interess ġenerali. |
| | | | Il-Kuxjenza Kulturali | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** juri/turi għarfien u fehim bażiku tal-kultura tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tagħha, u **kważi mhux/mhix kapaċi** jirrelata/tirrelata l-kuxjenza kulturali miksuba ma' dik tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira u l-komunitajiet tiegħu. | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** juri/turi xi għarfien u fehim tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha u għandu/ha **għarfien limitat ħafna** u **kważi mhux/mhix kapaċi** juża/tuża kodiċijiet interkulturali bażiċi biex jinteraġixxi/tinteraġixxi kif jixraq ma' kelliema tal-lingwa fil-mira. | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** juri/turi għarfien u fehim profond tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li tinkludi s-soċjetà, l-istorja, il-ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, u l-arti b'mod ġenerali, u **kważi mhux/mhix kapaċi** jutilizza/tutilizza firxa ta' kodiċijiet interkulturali biex iwieġeb/twieġeb għall-isterjotipi kulturali. |
| | | | Tagħlim tal-Lingwa | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** jidentifika/tidentifika u japplika/tapplika firxa ta' strateġiji għat-tagħlim tal-lingwa u **kważi mhux/mhix kapaċi** japplika/tapplika firxa ta' | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** jagħżel/tagħżel strateġiji effettivi biex jorganizza/torganizza t-tagħlim tiegħu/tagħha tal-lingwa u jfittex/tfittex, jiġbor/tiġbor, u **kważi mhux/mhix kapaċi** jipproċessa/tipproċessa | L-istudent/a **kważi mhux/mhix kapaċi** juri/turi li jieħu/tieħu żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tiegħu/tagħha u **kważi mhux/mhix kapaċi** jevalwa/tevalwa b'mod kritiku ir-riżorsi disponibbli u jagħżel/tagħżel dawk l-aktar xierqa |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | għodod u ħiliet bażiċi ta' studju għat-tagħlim tal-lingwa fil-mira. | informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' riżorsi stampati u elettroniċi biex jiżviluppa/tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu/tagħha. | u ta' min joqgħod fuqhom għal skopijiet u udjenzi mogħtija. |

## 6. Annessi

Id-dokumenti li ġejin huma mibnija fuq ir-rekwiżiti għall-eżamijiet kif imfissra fid-dokument *Marking System of the European Schools: Guidelines for use* – **2017-05-D-29**

### 6.1 Il-Bakkalawrijat Ewropew

### Matriċi Ġenerika għall-Eżami tal-Malti ONL

| Il-Ħidma | Il-Kompetenza/i | Il-Piż f' % | Kisbiet tat-Tagħlim<br>L-istudent/a… | Numru tal-mistoqsija. | Evalwazzjoni – Immarkar | Piż f'marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Ewwel Parti Fehim il-Qari** | Il-Qari | **20%** | jaqra/taqra u jifhem/tifhem testi marbuta ma' temi kontemporanji fejn il-kittieba jieħdu perspettivi partikulari.<br><br>ikun/tkun akkwista/t firxa wiesgħa ta' lessiku li jinkludi wkoll dak marbut ma' kunċetti astratti. | | Skema tal-marki għat-tweġibiet mudell | **7** |
| | L-Analiżi | **30%** | | | Skema tal-marki għat-tweġibiet mudell | **9** |
| | L-Interpretazzjoni | **23%** | | | Skema tal-marki għat-tweġibiet tal-interpretazzjonijiet ewlenin | **6** |
| **Grammatika f'kuntest** | L-Applikazzjoni | **27%** | ikun/tkun akkwista/t firxa ta' strutturi grammatikali kumplessi. | | Skema tal-marki/rubrika tat-tweġibiet. | **8** |
| **Sub l-1 Parti** | | **100%** | | | | **30** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **It-Tieni Parti Nifhmu l-Letteratura** | Il-Qari | **7%** | jifhem/tifhem u janalizza/tanalizza testi letterarji xierqa, li jinkludu proża u poeżija.<br><br>ikun/tkun akkwista/t għarfien fil-kultura tal-pajjiż/komunitajiet li jużaw il-lingwa fil-mira, inkluż l-istudju ta' testi letterarji.<br><br>ikun/tkun akkwista/t għarfien ta' reġistri differenti tal-lingwa għal skopijiet differenti. | | Skema tal-marki tal-punti ewlenin. | **3** |
| | L-Analiżi | **8%** | | | Skema tal-marki tat-tweġibiet mudell. | **3** |
| | L-Interpretazzjoni | **10%** | | | Skema tal-marki bil-linji gwida/rubriki. | **4** |
| | L-Argumentazzjoni | **25%** | | | | **10** |
| | Il-Ħsieb Kritiku | **25%** | | | | **10** |
| | Il-Kompetenza Lingwistika | **25%** | | | | **10** |
| **Sub 2 Parti** | | **100%** | | | | **40** |
| **It-Tielet Parti Produzzjoni bil-Miktub** | Il-Kitba skont il-ġeneru. | **13%** | jikteb/tikteb testi preċiżi u ddettaljati, bħal komponimenti, rapport, ittri u bloggs li jagħtu perspettivi jew impressjonijiet fuq firxa xierqa ta' temi ta' interess ġenerali.<br><br>ikun/tkun akkwista/t firxa wiesgħa ta' lessiku li tinkludi dak marbut ma' kunċetti astratti.<br><br>ikun/tkun akkwista/t firxa wiesgħa ta' strutturi grammaticali kumplessi. | | L-iskema tal-marki bir-rubriki bbażata fuq il-kompetenzi ewlenin tal-kitba. | 4 |
| | Il-Kompetenza Lingwistika | **40%** | | | | 12 |
| | L-Argumentazzjoni | **27%** | | | | 8 |
| | Il-Ħsieb Kritiku | **20%** | | | | 6 |
| **Sub 3 Parti** | | **100%** | | | | **30** |
| **TOTAL** | | | | | | **100** |

| **EĊĊELLENTI** | **TAJJEB ĦAFNA** | **TAJJEB** | **SODISFAĊENTI** | **SUFFIĊJENTI** | **BATUT** | **BATUT ĦAFNA** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **100-90** | **89-80** | **79-70** | **69-60** | **59-50** | **49-21** | **20-0** |

## Matriċi Speċifika tal-Karta tal-Eżami tal-Malti ONL

| Il-Ħidma | Il-kompetenza/i | Piż F'% | Il-Kisbiet mit-Tagħlim L-istudent/a… | Numru tal-mistoqsija | L-Evalwazzjoni – L-Immarkar | Piż f'marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Ewwel Parti Fehim il-Qari** | Il-Qari | **20%** | jaqra/taqra u jifhem/tifhem testi marbuta ma' temi kontemporanji fejn il-kittieba jieħdu perspettivi partikulari.<br><br>ikun/tkun akkwista/t firxa wiesgħa ta' lessiku li jinkludi wkoll dak marbut ma' kunċetti astratti. | Taqsima1 Mistoqsijiet 1-2-6 | Skema tal-marki għat-tweġibiet. | **7** |
| | L-Analiżi | **30%** | | Taqsima 1 Mistoqsijiet 3-4-5 | Skema tal-marki għat-tweġibiet mudell | **9** |
| | L-Interpretazzjoni | **23%** | | Taqsima 1 Mistoqsija 7 | Skema tal-marki għat-tweġibiet tal-interpretazzjonijiet ewlenin | **6** |
| **Grammatika f'kuntest** | L-Applikazzjoni | **27%** | ikun/tkun akkwista/t għarfien ta' reġistri differenti tal-lingwa għal skopijiet differenti. | Taqsima1 Grammatika Mistoqsijiet 1-7 | Skema tal-marki/rubrika tat-tweġibiet. | **8** |
| **Sub 1 Parti** | | **100%** | | | | **30** |
| **It-Tieni Parti**<br><br>**Nifhmu l-Letteratura** | Il-Qari | **7%** | jifhem/tifhem u janalizza/tanalizza testi letterarji xierqa, li jinkludu proża u poeżija.<br><br>ikun/tkun akkwista/t għarfien fil-kultura tal-pajjiż/komunitajiet li jużaw il-lingwa fil-mira, inkluż l-istudju ta' testi letterarji. | Taqsima 2 (i) Mistoqsija 1 | Skema tal-marki għat-tweġibiet ewlenin. | **3** |
| | L-Analiżi | **8%** | | Taqsima 2 (i) Mistoqsijiet 2-3 | Skema tal-marki għat-tweġibiet mudell | **3** |
| | L-Interpretazzjoni | **10%** | | Taqsima 2 (i) Mistoqsijiet | Skema tal-marki/rubrika tat-tweġibiet. | **4** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | ikun/tkun akkwista/t għarfien ta' reġistri differenti tal-lingwa għal skopijiet differenti. | 4-5 | | |
| | L-Argumentazzjoni | **25%** | | Taqsima 2 (ii) A u B | | **10** |
| | Il-Ħsieb Kritiku | **25%** | | | | **10** |
| | Il-Kompetenza Lingwistika | **25%** | | Komponiment Letterarju | | **10** |
| **Sub 2 Parti** | | **100%** | | | | **40** |
| **Itr-Tielet Parti Produzzjoni bil-Miktub** | Il-Kitba skont il-ġeneru. | **13%** | jikteb/tikteb testi preċiżi u ddettaljati, bħal komponimenti, rapport, ittri u bloggs li jagħtu perspettivi jew impressjonijiet fuq firxa xierqa ta' temi ta' interess ġenerali.<br><br>ikun/tkun akkwista/t firxa wiesgħa ta' lessiku li tinkludi dak marbut ma' kunċetti astratti.<br><br>ikun/tkun akkwista/t firxa wiesgħa ta' strutturi grammaticali kumplessi. | Taqsima 3<br><br>Il-Kitba Kreattiva | L-iskema tal-marki bir-rubriki bbażata fuq il-kompetenzi ewlenin tal-kitba. | 4 |
| | Il-Kompetenza Lingwistika | **40%** | | | | 12 |
| | L-Argumentazzjoni | **27%** | | | | 8 |
| | Il-Ħsieb Kritiku | **20%** | | | | 6 |
| **Sub 3 Parti** | | **100%** | | | | **30** |
| **TOTAL** | | | | | | **100** |

| EĊĊELLENTI | TAJJEB ĦAFNA | TAJJEB | SODISFAĊENTI | SUFFIĊJENTI | BATUT | BATUT ĦAFNA |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 100-90 | 89-80 | 79-70 | 69-60 | 59-50 | 49-21 | 20-0 |

Il-BAKKALAWRJAT EWROPEW
KARTA MUDELL

**Kampjun tal-Karta tal-Eżami għall-Bakkalwrjat Ewropew**

# IL-MALTI (ONL)

| | |
|---|---|
| **ID-DATA:** | |
| **IT-TUL TAL-EŻAMI:** | Tliet sigħat (180 minuta) |
| **TAGĦMIR PERMESS:** | Xejn |
| **RIMARKI SPEĊJALI:** | Wieġeb it-taqsimiet kollha. |

**L-ewwel taqsima: Il-Fehim mill-Qari** **(30 marka)**

Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

## Profiċjenza

Dan l-aħħar il-Ministru tal-Edukazzjoni esprima l-inkwiet tiegħu bil-livell baxx tal-Ingliż li għandhom l-istudenti u l-popolazzjoni inġenerali. Il-Ministru Bartolo għandu raġun jinkwieta u minn dak li qal jidher li l-ministeru tiegħu se jagħmel l-almu kollu biex jindirizza din il-problema.

Minħabba l-iżvilupp storiku u politiku ta' Malta, kull referenza li ssir għal-lingwa Ingliża immedjatament tqajjem sentiment antik ta' antagoniżmu bejn l-Ingliż u l-Malti, attitudni li bla dubju għandha għeruq politiċi ħoxnin li m'hemmx li nqaċċtuhom darba għal dejjem. Ir-reazzjoni għall-kumment tal-Ministru, l-aktar fuq il-midja soċjali, uriet kemm għadu b'saħħtu dan l-antagoniżmu, appuntu għaliex il-lingwa, irrispettivament mill-ekonomija, hija, qabel kollox, realtà politika: fostna, bħal fost popli oħra, tagħmel referenza diretta lejn il-klassi soċjali, realtà li għal dawn l-aħħar snin konna qegħdin nippruvaw naħbu taparsi ma teżistix. (par.1)

Il-qofol tal-kumment tal-Ministru huwa t-tħassib li bil-waqgħa fil-livell tal-Ingliż Malta qiegħda titlef il-fakultà bilingwi tagħha, tant li, biex nikkwota lil Bartolo, "jeħtieġ insiru mill-ġdid soċjetà bilingwi." Huwa minnu li l-istess Kostituzzjoni tar-Repubblika tistabbilixxi żewġ ilsna uffiċjali u tagħti d-dritt lill-parlament li jinkludi ilsna oħrajn mal-Malti u l-Ingliż bħala l-ilsna uffiċjali tal-pajjiż. Huwa minnu wkoll li kull fejn tħares għadek issib sinjali, avviżi u messaġġi oħrajn miktubin bl-Ingliż, u ħafna komunikati governattivi u amministrattivi – ngħidu aħna l-kontijiet tad-dawl u l-ilma – jaslulna biż-żewġ lingwi; bħalma huwa minnu wkoll li l-messaġġ awtomatiku li jinstema' malli ċċempel lil xi azjenda kbira, l-istess bħall-messaġġ li tara fil-bankomats, jitolbok tkompli ssegwi billi tagħżel bejn il-Malti u l-Ingliż. Minn dan il-lat, iva, nidhru li qegħdin ngħixu f'pajjiż bilingwi, iżda l-kwistjoni tal-bilingwiżmu hija ħafna iktar kumplessa minn hekk. Pereżempju ma nistgħux ninsew li hawn numru kbir ta' Maltin li m'għandhomx ħakma tat-tieni lingwa, ħafna li ma jafux l-Ingliż u oħrajn li ma jafux il-Malti; jew jekk jafu t-tieni lingwa ma jużawhiex jew ma jużawhiex b'mod profiċjenti. Terġa' u tgħid dak li wħud iqisu bħala bilingwiżmu mhuwiex għajr taħlit ta' żewġ lingwi. (par.2)

Hemm fattur ieħor għala nqis is-sejħa tal-Ministru Bartolo intriganti ħafna. M'hemmx bżonn ta' sforzi kbar biex wieħed jinnota li fis-sistemi tagħna l-Ingliż jingħata spazju ferm akbar milli jingħata l-Malti. Ngħidu aħna, is-sistema edukattiva tagħna, għallinqas dik imħaddma fil-qasam sekondarju, tagħti aktar ħin għat-tagħlim tal-Ingliż milli tal-Malti, u f'ċerti każi dan jiġri

wkoll fis-settur primarju. L-istess jiġri fil-qasam kulturali; hemm żbilanċ ovvju bejn in-numru ta' attivitajiet artistiċi bl-Ingliż u dawk bil-Malti; l-istess fil-qasam tax-xandir fejn imqar ir-reklamar (viżiv u miktub) huwa ppreżentat iktar bl-Ingliż milli bil-Malti. Allura meta wieħed jikkonsidra kemm huwa akbar l-aċċess għal materjal ippreżentat bl-Ingliż milli dak ippreżentat bil-Malti, l-osservazzjoni tal-Ministru Bartolo dwar l-Ingliż tieħu dimensjoni oħra: jekk il-profiċjenza fl-Ingliż, bl-ispazju kollu li qiegħed jingħata dan l-ilsien, qiegħda tonqos, x'inhu jiġri lill-Malti? (par.3)

Mingħajr ma nidħol f'argumentazzjoni insensata li tantagonizza liż-żewġ lingwi, ma nistax ma nissuspettax li l-profiċjenza fl-Ingliż mhijiex tonqos askapitu tal-Malti, iżda hija l-ħakma taż-żewġ lingwi li qiegħda tbati. (par.4) ( 458 kelma)

(Silta adattata minn kitba ta' Immanuel Mifsud li dehret f'*Illum* tat-22 ta' Diċembru 2013)

**Il-Mistoqsijiet** **(22 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek, kemm-il darba ma tkunx mitlub tikkwota mis-silta.

1. Sib kelma jew frażi mis-silta li tfisser:

a) ħiltu (par. 1)
b) kuntrast bejn żewġ fehmiet (par. 1)
ċ) iqis (par. 3)
d) huwa faċli (par. 3) (4 marki)

2. Liema huma ż-żewġ ilsna uffiċjali ta' Malta skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika? (marka)

3. X'taħseb li huwa s-sentiment antik ta' antagoniżmu bejn l-Ingliż u l-Malti? (2 marki)

4. Skont kif jistqarr l-awtur tas-silta, taħseb li l-profiċjenza fl-Ingliż qed tonqos minħabba l-Malti? Agħti raġuni waħda għal dan. (3 marki)

5. " ...iżda l-kwistjoni tal-bilingwiżmu hija ħafna iktar kumplessa minn hekk". Fisser fi kliemek l-għaliex taħseb li l-awtur tas-silta qed jgħid hekk. (4 marki)

6. Semmi tliet oqsma li fihom l-Ingliż qed jingħata aktar importanza mill-Malti. (2 marki)

7. **F'madwar 50 kelma**, tkellem dwar il-konsegwenzi li jinħolqu jekk Malta tasal titlef il-"fakultà bilingwi tagħha". (6 marki)

**L-Għarfien Grammatikali**: **(8 marki)**

Aqra din is-silta:

## Il-Mużika f'Malta

Il-mużika hi l-ewwel lingwa li beda jitkellem biha l-bniedem. Hi lingwa li tinftiehem minn kulħadd, kull ġens u razza. Dawn l-aħħar ħmistax-il sena x-xena mużikali Maltija għamlet passi ta' ġgant. Meta taħseb ftit f'kemm aħna żgħar u kemm hawn mużiċisti tinduna kemm aħna pajjiż mimli talent iżda mhux sfruttat. Qisek għandek pjanta li tridha tikber u tibqa' tħalliha mingħajr ilma. (par.1)

Ħares dawra man-nies li taf u ssib li l-parti l-kbira tagħhom idoqqu strument. Tinduna li f'kull belt u raħal issib diversi għalliema tal-pjanu, il-kitarra, il-vjolin, eċċ. u anki surmastrijiet li jgħallmu fil-baned. Nemmen li kull bniedem għandu jkollu ċ-ċans li jitgħallem strument tul ħajtu, hu ta' liema età hu. Il-problema li għandna hi li ma tingħatax importanza għal dan kollu. Pereżempju fl-iskejjel ma ssibx għalliem tal-mużika *full-time*. Nifhem li hemm ħafna pressjoni fuq it-tfal biex ilaħħqu mas-sillabu iżda hemm bżonn li dawn iż-żgħar nagħtuhom aktar ċans biex jitgħallmu jdoqqu strument waqt il-ħin tal-iskola. Ngħiduha kif inhi, kulħadd jipprietka kemm l-isports hu importanti u fl-iskejjel għandhom l-Edukazzjoni Fiżika ta' kull ġimgħa jew aktar, u hekk għandu jkun. (par.2)

Iżda l-mużika donnu kulħadd insieha. Ħadd mhu qed jara li dawk l-istudenti li jdoqqu strument imorru aħjar fl-iskola. Il-mużika tista' tgħinhom biex jirrilassaw u jħarsu lejn il-problemi tal-ħajja minn lenti differenti. (par.3) (205 kelmiet)

(Adattata minn kitba ta' Marc Galea li dehret f'*Illum* tas-26 ta' April 2009)

**Il-Mistoqsijiet** **(8 marki)**

1. Agħti l-plural ta' *razza*. (marka)
2. Sib żewġ kelmiet ta' nisel Rumanz mis-silta. (2 marki)
3. Ikteb il-verb *tħalliha* fit-tielet persuna singular maskil fil-perfett. (marka)
4. F'liema forma huwa l-verb *jitgħallem*? (marka)
5. Oħroġ aġġettiv minn *bżonn*. (marka)
6. Nissel nom minn *jirrilassaw*. (marka)
7. Ikteb in-negattiv ta'*insieha*. (marka)

**It-tieni taqsima: Il-Kitba Kreattiva** **(30 marka)**

Agħżel titlu **WIEĦED** minn dawn u ikteb madwar **300 kelma** fuqu.

**1. L-imġiba tikxef il-karattru**

*It-trobbija, l-ambjent li tgħix fih u l-ħbieb li tagħmilha magħhom ilkoll jistgħu jaffettwaw il-karattru tal-individwu. Imġiba tajba u eżemplari meta mqabbla ma' mġiba ħażina u diżonesta. Kif jidher il-karattru fil-kliem li jingħad, fil-ħwejjeġ li jintlibsu u fl-aġir tagħna? Kif għandha tkun l-imġiba tagħna waqt attivitajiet differenti? Il-ġudizzju tas-soċjetà kemm jaffettwa l-karattru tal-bniedem*?

**Jew**

2. **Il-komunikazzjoni fl-era diġitali.**

*X'tifhem b'komunikazzjoni? Għaliex żminijietna meqjusa bħala l-era diġitali? Tassew li l-bnedmin qed joqorbu aktar lejn xulxin permezz tat-teknoloġija? X'effetti qed iħallu l-mezzi teknoloġiċi fuq il-bnedmin li jħaddmuhom? X'jista' jsir biex il-komunikazzjoni bejn il-bnedmin issir tassew effettiva?*

**It-tielet taqsima: Il-Letteratura** **(40 marka)**

i) Aqra din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**Jien**

Jien idealist –
nemmen f'dinja bla passaporti
bla fruntieri bla kulur.

Jien prattiku –
nemmen fil-lum fil-mewt fil-ħidma
fit-toqol tal-ftehim.

Jien romantiku –
nemmen fil-ġustizzja
fl-imħabba fis-sbuħija.

Jien realist –
nemmen fi ċkuniti
fl-iżball fl-iżolament.

Jien ribell/kompromessist –
nibni u nfarrak,
nemmen u niċħad,
nobgħod u nħobb.

Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.

Jien … min jien?

Victor Fenech

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(10 marki)**

1. Kif qed jiddeskrivi lilu nnifsu l-poeta f'din il-poeżija? (3 marki)

2. Liema hi l-kelma l-aktar importanti f'din il-poeżija? Għaliex tqisha hekk ? (2 marki)

3. Agħti eżempju ta' *paradoss* mill-poeżija. (2 marki)

4. X'effett tħoss li qed jipprova jħalli Victor Fenech meta jagħlaq il-poeżija b'mistoqsija? (2 marki)

5. Iddeskrivi fil-qosor x'tip ta' dinja jemmen fiha Victor Fenech fl-ewwel strofa. (marka)

ii) Agħżel **żewġ** mistoqsijiet u ikteb 250 kelma fuq kull waħda.

**(15-il marka kull komponiment)**

1. Iddiskuti l-mod ta' kif jitrattaw l-ambjent naturali l-poeżiji *Ħitan tas-Sejjieħ* ta' Marjanu Vella u *Żgħażugħ ta' Dejjem* ta' Dun Karm.

2. Uri kif Ġuże Orlando u Joe Friggieri jitrattaw it-tbatija umana fi gwerra, fix-xogħlijiet tagħhom *L-ibleh* u *Qsari tal-Fuħħar*.

3. Agħżel poeżija u novella li studjajt u oħroġ ix-xebħu/jew id-differenzi ta' bejniethom.

**Tmien il-karta**

## L-Iskema tal-Marki tal-Karta Kampjun tal-Bakkalawrjat

**Il-Bakkalawrjat Ewropew – Il-Malti ONL – Karta Mudell**

- **Aċċetta kliem miktub bl-Ingliż li jkun fil-virgoletti, jew inkella li jkun miktub kif jinħass fil-Malti. Aċċetta dan sakemm ma jkunx hemm kliem ieħor li jkun jintuża sew fil-Malti.**

| Taħriġ | Tweġiba | Marka |
|---|---|---|
| **L-Ewwel Taqsima A** | **Taħriġ il-Fehem:**<br>**Aċċetta t-tweġibiet li juru li l-istudenti jkunu fehmu t-test, skont il-mistoqsijiet. Fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet minn numru 1 sa 7 ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.** | **22 marka** |
| 1 | a) almu<br>b) antagoniżmu<br>ċ) jikkonsidra/jikkunsidra<br>d) m'hemmx bżonn ta' sforzi kbar | 1x4 |
| 2 | Il-Malti u l-Ingliż. | 1 |
| 3 | Għad hemm relazzjoni qawwija bejn il-lingwa li wieħed jitkellem (i.e il-Malti jew l-Ingliż) ma' klassi soċjali partikulari. | 2 |
| 4 | Le, il-profiċjenza fl-Ingliż mhijiex ħtija tal-Malti. L-Ingliż jingħata ferm aktar importanza mill-Malti f'diversi oqsma, fosthom fis-sistema edukattiva li tagħti aktar ħin lit-tagħlim tal-Ingliż milli tal-Malti. | 3 |
| 5 | Bosta Maltin jew ma jużawx it-tieni lingwa jew m'għandhomx ħakma tajba tagħha, jiġifieri hawn min ma jikkomunikax sew bl-Ingliż u oħrajn li ma jikkomunikawx tajjeb bil-Malti. Hawn ukoll numru konsiderevoli ta' Maltin li mingħalihom jitkellmu tajjeb biż-żewġ lingwi iżda fil-fatt, la jitkellmu Malti tajjeb u lanqas Ingliż tajjeb imma jitkellmu varjetà mħallta taż-żewġ lingwi. | 4 |
| 6 | Fil-qasam edukattiv, f'dak kulturali u fil-qasam tax-xandir. | 2 |
| 7 | Tweġibiet varji | 6 |
| **L-Ewwel Taqsima B** | **L-Għarfien Grammatikali:**<br>**Aċċetta biss it-tweġibiet li jkunu miktubin tajjeb. Jekk il-kelma tinkiteb bi żbalji ortografiċi din titqies ħażina kollha u ma jingħataw l-ebda marki.** | **8 marki** |
| 1 | razez | 1 |
| 2 | *Tnejn minn:* mużika, lingwa, xena, mużikali, passi, mużiċisti, pajjiż, talent, sfruttat, pjanta, parti, strument, pjanu, kitarra, vjolin... | 2 |
| 3 | ħallieha | 1 |
| 4 | Il-5$^{es}$ forma | 1 |
| 5 | bżonjuż / bżonjuża / bżonjużi | 1 |
| 6 | rilassament/ irrilassar | 1 |
| 7 | Ma nesihiex / nsihiex | 1 |
| | | **30 marka** |

| | | |
|---|---|---|
| **It-tieni Taqsima** | **Il-Kitba Kreattiva**<br>Qassam il-marki skont **tabella A** hawn taħt: | **30 marka** |
| **It-Tielet Taqsima** | **Il-Letteratura**<br>*F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji tal-ortografija. (Aċċetta tweġibiet oħra li għandhom l-istess tifsira.)* | **40 marka** |
| **(i)** | Ir-referenza għall-kuntest | **10** |
| 1 | Il-poeta jgħid li hu idealist, prattiku, romantiku u realist. Fl-istess ħin tinħass fih kriżi ta' identità meta jgħid jgħid li jibni u jkisser, jemmen u jiċħad u jobgħod u jħobb. | 3 |
| 2 | Jien; għax tissemma fil-bidu ta' kull strofa u hija t-titlu tal-poeżija | 2 |
| 3 | minn strofi 5 u 6 | 1 |
| 4 | L-effett hu sens ta' sorpriża, id-dubju wara l-affermazzjoni (jien eċċ) / Li l-jien hu skoperta dejjiema u kuljum tiskopri biċċa oħra minnek innifsek / Li *min jien* hu proċess twil. | 2 |
| 5 | Bla passaporti, bla fruntieri, bla kulur – dinja waħda magħquda, bla diskriminazzjoni. | 2 |
| | | |
| **(ii)** | **L-esej letterarju**<br>L-istudenti jridu jwieġbu 2 esejs u kull esej fih 15-il marka.<br>Qassam il-marki skont **tabella B** hawn taħt: | **30 marka (2x15)** |

| **Tabella A** | B'ħafna nuqqasijiet | B'xi nuqqasijiet | Tajjeb |
|---|---|---|---|
| Il-kompetenza lingwistika (l-espressjoni, il-Malti idjomatiku u l-ortografija) | 0-4 marki (aktar minn 15-il żball) | 5-8 marki (bejn 10 u 14–il żball) | 9-12-il marka (inqas minn 10 żbalji) |
| Kitba skont il-ġeneru | 0 marki | 1-2 marki | 3-4 marki |
| Il-kontenut, u l-mixja tal-argumenti minn paragrafu għal ieħor. | 0-2 marki | 3-5 marki | 6-8 marki |
| L-oriġinalità, l-kreattività u l-ħsieb kritiku fil-kitba. | 0-1 marki | 2-4 marki | 5-6 marki |
| | Total | | 30 marka |

| **Tabella B** | B'ħafna nuqqasijiet | B'xi nuqqasijiet | Tajjeb |
|---|---|---|---|
| Il-kompetenza lingwistika (l-espressjoni u l-ortografija) | 0-1 marki (aktar minn 10) | 2-3 marki (bejn 5-9 żbalji) | 4-5 marki (inqas minn 5 żbalji) |
| L-argumenti msaħħa b'referenzi jew kwotazzjonijiet mit-test/i lettararju/i | 0-1 marki | 2-3 marki | 4-5 marki |
| Il-kontenut u l-ħsieb kritiku b'relevanza mat-test letterarju. | 0-1 marki | 2-3 marki | 4-5 marki |
| | Total | | 15-il marka |

## 6.2 Il-Kummentarji

It-taqsima li ġejja tikkummenta fuq partijiet mis-sillabu fejn kien hemm bżonn ta' kjarifika. Il-kwotazzjonijiet mis-sillabu jidhru fil-korsiv.

### a) Prinċipji Didattiċi

*Il-ħiliet tas-smigħ, il-qari, l-interazzjoni u l-produzzjoni mitkellma, u l-kitba jridu jkunu żviluppati kollha skont il-piż relattiv li jingħataw u li jaqbel maċ-ċiklu tat-tagħlim.*

Fl-ewwel ċiklu, l-enfasi ewlenija għandha tkun fuq is-smigħ, il-qari u l-interazzjoni mitkellma filwaqt li l-produzzjoni mitkellma u l-kitba għandhom jingħataw inqas piż fit-tagħlim.
It-tieni ċiklu huwa wieħed intermedju fejn il-produzzjoni mitkellma tibda tingħata aktar importanza imma mhux daqstant lid-djalogu. L-istess għandu jsir fil-ħila tal-kitba li għandha tkun kisba ewlenija tat-tagħlim.
Fit-tielet ċiklu, l-enfasi għandha tkun fuq il-kitba u l-produzzjoni mitkellma, filwaqt li tkompli tingħata attenzjoni xierqa lis-smigħ, il-qari u l-interazzjoni mitkellma.

*L-istudenti għandhom jiġu mħajra li jinqdew bl-istrateġiji tat-tagħlim u l-ħiliet lingwistiċi li diġà għandhom.*

L-istudenti jistgħu jibbenefikaw mill-għarfien u l-esperjenza tat-tagħlim ta' lingwi oħra fit-tagħlim tagħhom tal-Malti. Meta jirrikorru għall-ħiliet lingwistiċi li diġà kisbu, huma jistgħu jiksbu benefiċċji kbar fl-istrateġija tagħhom tat-tagħlim ('l-effett lingwistiku terzjarju') u għalhekk dan l-użu għandu jkun inkoraġġit. L-użu riflettiv tal-lingwa, l-osservazzjonijiet komparattivi tal-kostitwenti ewlenin tal-lingwa Maltija u l-għarfien tal-ħiliet ġenerali fit-tagħlim tal-linwgi, kollha jistgħu jtejbu ferm l-akkwist tal-lingwa. Jgħinu wkoll lill-istudenti jirriflettu fuq l-isforzi tagħhom biex jitgħallmu l-lingwa.

*Taħlita ta' metodi tat-tagħlim u approaches għandha tkun imħaddma.*

Huwa important ħafna li titħaddem taħlita ta' metodoloġiji tat-tagħlim. Pereżempju, l-użu ta' ħidmiet ta' tagħlim attiv jibdlu t-tagħlim minn attività li b'mod predominanti hija passiva għal waħda li tippermetti l-qsim tal-ideat u l-opinjonijiet, l-iżvilupp tal-ħiliet marbuta mal-ħsieb kritiku u l-personalizzazzjoni msaħħa tal-kontenut tal-lezzjoni. Hekk kif dawn il-metodoloġiji tat-tagħlim jinkoraġġixxu tagħlim indipendenti u kollaborattiv, l-istudenti japprofittaw aktar mill-esperjenza tat-tagħlim. Xi eżempji ta' dawn l-istrateġiji jinkludu: eżerċizzji ta' brainstorming, xogħol f'pari jew fi gruppi, eżerċiżżji ta' logħob ta' rwoli permezz ta' kartini li jagħtu ħjiel, attivitajiet fuq karti tat-taħriġ, kwizzijiet, portfolji, xogħol ta' proġetti, preżentazzjonijiet tal-istudenti u dibattiti.

*L-użu ta' metodoloġiji ta' tagħlim differenzjat huwa inkoraġġit biex jintlaħqu l-ħtiġijiet differenti tal-istudenti kollha.*

Gruppi tal-klassi ONL jistgħu jinkludu studenti b'firxa wiesgħa ta' abiltajiet u esperjenzi tal-lingwa u dan jista' jkollu implikazzjonjiet fuq l-ippjanar tal-lezzjoni. L-introduzzjoni ta'metodoloġiji ta' tagħlim differenzjat tista' tipprovdi qafas li jaħseb għall-bżonnijiet differenti li jeħtieġu l-istudenti. Il-kisbiet mit-tagħlim jew għanijiet jistgħu jitħaddmu fuq livelli differenti. Id-differenzazzjoni tista' tkun introdotta permezz ta' strateġiji differenti tat-tagħlim, bħal pereżempju, billi materjal tat-tagħlim jiġi addattat għal livelli dfferenti ta' diffikultà biex jintużaw ma' klassi partikulari jew billi jsiru livelli differenti ta' ħidmiet fuq suġġett partikulari.

*Stili varji tat-tagħlim tal-istudenti, il-pass tat-tagħlim, il-ħiliet soċjali, is-saħħiet u d-dgħufijiet li jintużaw bl-aħjar mod.*

L-istili tat-tagħlim jinkludu approaches jew modi ta' tagħlim li jgħinu lill-istudent individwali jitgħallem bl-aħjar mod. Is-saħħiet u l-istili tat-tagħlim tal-istudenti (viżwali, awditorji, u l-bqija) huma marbuta ma' intelliġenzi differenti (lingwistiċi, loġiċi, mużikali u l-bqija). L-għalliema għandhom jaddattaw il-metodoloġiji tat-tagħlim tagħhom biex jaqdu l-bżonnijiet u l-istili differenti tat-tagħlim tal-istudenti tagħhom. Aktar ma' l-għalliema jkunu konxji ta' dawn, aktar ikunu effettivi l-kisbiet mit-tagħlim.

*Ħakma tajba tal-lingwa f'kuntest li titlob fehim tal-lingwa bħala sistema mibnija b'mod progressiv*.

It-tagħlim tal-lingwa huwa mibni fuq approach imsawwar fuq l-użu u l-komunikazzjoni. Għalhekk, il-kuntest jilgħab irwol important ħafna. Il-vokabularju u l-idjoma għandhom ikunu ppreżentati f'sitwazzjonjiet kuntestwali u żviluppati b'mod sistematiku. Huwa important li l-għalliema jżommu quddiem għajnejhom f'kull stadju tat-tagħlim, li l-istudenti jridu jersqu lejn il-lingwa fil-mira b'passi progressivi u li l-iżbalji li jagħmlu jridu jintużaw b'mod kostruttiv biex jiżviluppaw it-tagħlim. Madankollu, l-użu tajjeb tal-lingwa għandu jkun mistenni sa livell raġonevoli.

*Il-kompetenza soċjo-lingwistika għandha tkun żviluppata biex tinkludi għarfien ta' aspetti bħal reġistri lingwistiċi, varjetajiet tal-lingwa, u l-bqija.*

Il-kompetenza soċjo-lingwistika hija l-ħila li tagħraf u tinterpreta t-tifsira soċjali tal-varjetajiet lingwistiċi (reġistri, stili, djaletti, u l-bqija), li tuża l-lingwa bit-tifsira soċjali proprja tagħha f'sitwazzjoni ta' komunikazzjoni u biex tagħti kontribut attiv għall-iżvilupp ta' konverzazzjonijiet.

Eżempji: biex tkun konxju tad-differenzi bejn sitwazzjonijiet formali u informali, li tagħraf modi kif issellem u tilqa' n-nies, li tkun taf meta u kif tgħaddi kumplimenti lill-oħrajn, kif titlob skuża, jew taċċetta u tirrifjuta stediniet, u l-bqija.

**b) L-Għanijiet tat-Tagħlim**

1. *L-1,2 u 3 ċiklu: Għarfien u Apprezzament tal-Lingwa u l-Kultura Maltija*

Matul l-istudju tagħhom tal-lingwa, l-istudenti għandhom ikunu mħeġġa jiżviluppaw għarfien tal-Istorja Maltija u tal-evoluzzjoni tal-lingwa Maltija biex ikollhom aktar apprezzament tal-wirt lingwistiku u storiku tagħhom.

2. *It-2 + 3: Il-Kodiċi Interkulturali*

Il-punt tat-tluq għall-fehim interkulturali u l-konoxxenza tal-kodiċi interkulturali huwa l-għarfien tajjeb tal-oqsma li jipproduċu differenzi kulturali: regoli soċjali, simboli storiċi, miti, umoriżmu, mod ta' għajxien, reliġjon…

3. *It-2 + 3: L-Għażla ta' strateġiji effettivi biex jiġi organizzat it-tagħlim lingwistiku tal-istudent/a minnu nnifsu/minnha nnifisha u t-teħid taż-żieda fir-responsabbiltà għat-tagħlim tal-lingwa tiegħek innifsek.*

Wieħed mill-għanijiet ta' dan is-sillabu huwa li jinkoraġġixxi lill-istudenti jieħdu aktar responsabbiltà għat-tagħlim tagħhom infushom u li jiżviluppaw għarfien ta' x'għandhom jagħmlu biex jitgħallmu lingwa oħra. Biex jinkoraġġixxi lill-istudenti jkunu attivi, awtonomi, u persuni li jirriflettu, huma għandhom jiżviluppaw strateġiji għat-tagħlim effettiv tal-lingwa. Hekk pereżempju, meta jissemmew l-objettivi tat-tagħlim fil-bidu ta' kull lezzjoni, u bl-inkoraġġiment tal-istudenti biex iżommu djarju tat-tagħlim, l-għalliema jkunu qed jgħinu lill-istudenti jevalwaw it-tagħlim tagħhom stess. L-użu ta' għodod, bħal stqarrijiet ta' 'x'naf nagħmel' jew tal-Portafoll Ewropew tal-Lingwa, jgħinu lill-istudenti jagħżlu miri tat-tagħlim personali u realistiċi.

4. *It-3 ċiklu: Il-qari u l-fehim ta' testi li jittrattaw problemi kontemporanji fejn il-kittieba jaddottaw opinjonijiet partikulari, flimkien mal-fehim u l-analiżi ta' testi letterarji xierqa li jinkludu l-proża u l-poeżija.*

L-istudenti għandu jkollhom il-ħiliet li jaqraw, jifhmu u janalizzaw kemm testi miktuba b'ġeneri letterarji differenti kif ukoll dawk li mhumiex letterarji bħal artikli ta' ġurnali, ittri lill-editur, dibattiti, u l-bqija. F'dan il-kuntest, l-analiżi tfisser il-ħila li humas jispjegaw u jesprimu l-messaġġ ewlieni tat-test, bl-għajnuna ta' termini tekniċi ewlenin skont kif meħtieġ.

**ċ) Il-Kontenut**

*1. Il-vokabularju u l-frażijiet idjomatiċi*
F'kull ċiklu, l-vokabularju għandu jgħin lill-istudenti jilħqu l-objettivi tat-tagħlim għall-ħames ħiliet (ara l-objettivi tat-tagħlim 1-5)
Pereżempju, fl-ewwel ċiklu l-istudenti għandhom *jifhmu diskors mitkellem standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbdu l-punt ewlieni ta' avviżi u messaġġi ċari…*
L-għarfien ta' espressjonijiet u frażijiet idjomatiċi mill-ħajja ta' kuljum jgħin lill-istudenti jużaw il-lingwa fil-mira b'mod spontanju, f'dan l-ewwel ċiklu.

*2. forom tal-kliem u strutturi grammatikali sempliċi.*

Prijorità għandha tingħata lill-użu tal-lingwa u l-funzjonalità tagħha meta niġu għat-tagħlim tal-grammatika. L-istudju ta‘ strutturi lingwistiċi speċifiċi għandu jkun integrat f'sitwazzjonijiet u attivitajiet komunikattivi. L-istrutturi grammatikali, meħtieġa għandhom jiġu żviluppati u miżjuda ftit ftit b'mod kostanti fuq il-medda tat-tliet ċikli.
L-għarfien ta' strutturi grammatikali relevanti u forom ta' kliem għandhom jiġu żviluppati skont l-objettivi tat-tagħlim ta‘ kull ċiklu.

Pereżempju:
Fit-tielet ċiklu, biex l-istudenti jiktbu *b'ċarezza u eżattezza testi ddettaljati, bħal komponimenti, rapport, ittri u bloggs, li fihom jesprimu opinjoni jew impressjoni fuq firxa ta' temi ta' interess ġenerali,* huma jkunu jeħtieġu firxa ta' strutturi grammatikali kumplessi.

*3. L-1 ċiklu: Konoxxenza tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira*

L-użu ta' materjal awtentiku, bħal poeżiji, aħbarijiet qosra, fuljetti, ħrejjef, addattamenti ta' stejjer qosra, rakkonti folkloristiċi u l-bqija huwa inkoraġġit. F'dan il-kuntest l-użu tal-teknoloġija jista' jkun ta' għajnuna partikulari.

*It-2 ċiklu: Xi tagħrif tal-istorja u l-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira bi ftit espozizzjoni għal testi letterarji.*

L-istudenti għandu jkollhom aċċess għal firxa ta' siltiet minn firxa ta' testi letterarji u mhux, flimkien ma' materjal ieħor bħal stejjer qosra, poeżiji, artikli tal-gazzetti u l-bqija,

*It-3 ċiklu: Għarfien tal-kultura tal-pajjiż tal-lingwa fil-mira li jinkludi l-istudju ta' testi letterarji.*

L-istudenti għandhom jistudjaw eżempji minn għadd ta' ġeneri, kemm dawk letterarji kif ukoll mhux. Għażla ta' testi letterarji għandhom jinqraw b'mod kritiku bil-Malti.

### ċ) L-Assessjar

*1. L-eżamijiet finali jassessjaw sa fejn l-istudenti jkunu ħakmu l-objettivi tat-tagħlim għal taċ-ċiklu.*

L-għalliema għandhom jużaw l-objettivi tat-tagħlim bħala l-pedament għall-assessjar tal-istudenti tagħhom.

*2. L-użu tat-tabelli għall-awto-assessjar li hemm fis-CEFR u l-Portafolli Ewropej tal-Lingwa*

L-awto-assessjar hija għodda utli biex iżżid il-motivazzjoni u l-għarfien tal-istudenti fejn jidħlu l-proċessi tat-tagħlim. Hija tgħin lill-istudenti jiskopru s-sħuħijiet u d-dgħufijiet tagħhom u biex jorganizzaw it-tagħlim tagħhom b'mod aktar effettiv.
Fil-Portafolli Ewropej tal-Lingwa u fis-CEFR, it-tabelli tal-awto-assessjar (l-istqarrijiet 'x'naf nagħmel) huma introdotti bħala għodda supplimentari effettiva għall-istudent tal-lingwa.

### 6.2.1 L-ELABORAZZJONI TAL-KONTENUT TAS-SUĠĠETT GĦAĊ-ĊIKLI TAS-SEKONDARJA S1-S7

L-għalliema tal-Malti jistgħu jsibu riżorsi għat-tagħlim tal-Malti u l-assessjar tiegħu minn fuq is-sit: www.malti.skola.edu.mt

# Is-smigħ

**L-istudenti jisimgħu minn sorsi awdjo, awdjoviżivi, kelliema ħajjin u kantanti li jinkludu l-għannejja, u jikkonċentraw fuq dak li jkunu qed jisimgħu, jifhmu l-informazzjoni fattwali, l-espressjoni ta' opinjonijiet, attitudnijiet, burdati u xewqat.**

| S1-S3 | S4-S5 |
|---|---|
| L-istudenti:<br>▪ Jifhmu testi fuq suġġetti li huma familjari magħhom u janalizzawhom billi jiddistingwu bejn il-fatt u l-kumment.<br>▪ Jifhmu konverzazzjonijiet u diskussjonijiet u janalizzawhom billi jiddistingwu bejn il-punti prinċipali u l-punti sekondarji.<br>▪ Jiksbu kuxjenza tal-komunikazzjoni mhux verbali fosthom, il-prossemika u l-ġestikolazzjoni.<br>▪ Jagħrfu l-effetti mużikali jew ta' ħsejjes oħra li jakkumpanjaw testi mitħaddta jew moqrija.<br>▪ Isegwu programmi differenti mxandrin fuq il-mezzi tax-xandir, jagħmlu riflessjonijiet fuqhom billi jesploraw l-espressjonijiet, l-ideat u l-argumenti, u jaqsmuhom mal-oħrajn. | L-istudenti:<br>▪ Janalizzaw u jinvestigaw punti grammatikali speċifiċi li joħorġu minn diskussjonijiet u forom oħra tat-taħdit.<br>▪ Jirriflettu fuq l-użu bil-fomm tal-lingwa Maltija, inkluż il-varjetajiet tal-lingwa.<br>▪ Jidentifikaw aspetti morali u etiċi ta' argument.<br>▪ Jifhmu kull tip ta' taħdit u juru l-ħila li ma jaċċettawx mill-ewwel dak li jkunu semgħu, imma jkunu semmiegħa kritiċi. |

**Għandu jkun hemm taħtlita ta' ġeneri ta' testi letterarji u nonlettararji fis-smigħ ta':**

| | |
|---|---|
| ▪ rakkonti ta' fantasija fosthom, ħrejjef Maltin;<br>▪ rakkonti storiċi u avventurużi fosthom, leġġendi Maltin;<br>▪ rakkonti umoristiċi fosthom, praspar Maltin u ċajt. | ▪ testi ta' realtijiet differenti li jagħtu tagħrif, fosthom, aħbarijiet, dokumentarji u rapporti ġurnalistiċi Maltin;<br>▪ testi argumentattivi fosthom, dibattiti u diskussjonijiet Maltin. |

**Issir enfasi fuq:**

| | |
|---|---|
| riklami, avviżi, slowgans, dokumentarji, intervisti, aneddoti | struzzjonijiet, direzzjonijiet, diskorsi jew taħditiet ta' natura soċjali, politika, ambjentali, reliġjuża. |

# Il-qari

**L-istudenti jaqraw, jinterpretaw, janalizzaw u japprezzaw testi letterarji u mhumiex, f'qalbhom u b'vuċi għolja, minn karti u mill-iskrin, u jifhmu l-messaġġi diretti u indiretti, filwaqt li jkunu kritiċi.**

| S1-S3 | S4-S5 |
|---|---|
| L-istudenti:<br>▪ Jidentifikaw u jifhmu kliem, idjomi u qwiel skont il-kuntest li jinsabu fih.<br>▪ Jidentifikaw it-temi ewlenin ta' testi moqrija.<br>▪ Jiddistingwu bejn testi differenti.<br>▪ Jagħrfu l-iskopjiet u r-rikkezzi tat-testi li jaqraw.<br>▪ Jirriflettu fuq is-sinjifikati differenti u kif dawn jinbidlu tul iż-żminijiet.<br>▪ Jikkummentaw fuq ir-rabta bejn il-grafika u t-test.<br>▪ Jużaw b'mod meqjus terminoloġija letterarja bażika. | L-istudenti:<br>▪ Jidentifikaw il-perspettivi differenti u kif jolqtu individwi u komunitajiet differenti.<br>▪ Jidentifikaw xi jkun jonqsu test biex jinftiehem aħjar.<br>▪ Jagħrfu aspetti stilistiċi f'testi moqrija.<br>▪ Jidentifikaw sterjotipi u ideoloġiji f'kitbiet differenti.<br>▪ Jistħarrġu kitbiet minn kulturi differenti.<br>▪ Jagħmlu tiftixa sempliċi f'kotba u siti elettroniċi ta' referenza b'rabta mat-testi moqrija. |

**It-testi letterarji għall-klassijiet tas-sekondarja S1 sa S5**

It-testi tal-qari għandhom ikollhom struttura ċara kemm fl-ideat u kemm fil-forma, u jkunu ppreżentati b'mod li l-istudenti jkunu jistgħu jirrelataw l-espererjenzi tagħhom magħhom.

Biex l-istudenti japprezzaw aktar it-test miktub l-għalliema għandhom jgħarrfuhom fuq l-għamla u t-tqassim tal-produzzjoni tiegħu. Huwa suġġerit li jintużaw ukoll dizzjunarji, teżawri u enċiklopediji għall-konsultazzjoni.

**Għandhom jingħataw dan l-ammont ta' testi letterarji għal kull sena skolastika:**

**Poeżiji** jintgħażlu ħamsa mill-għażla rakkomandata f'Appendiċi 1.
**Novelli** jintgħażlu ħamsa mill-għażla obbligatorja f'Appendiċi 1.
**Drammi** jintgħażel wieħed kull sena mill-għażla rakkomandata f'Appendiċi 1.
**Rumanzi** jintgħażel wieħed kull sena mill-għażla rakkomandata f'Appendiċi 1.

**Għandu jkun hemm taħtlita ta' ġeneri ta' testi letterarji u nonlettararji fil-qari ta':**

| | |
|---|---|
| ▪ rakkonti ta' fantasija<br>▪ rakkonti storiċi u avventurużi<br>▪ rakkonti umoristiċi. | ▪ testi ta' realtajiet differenti<br>▪ testi argumentattivi. |

**Issir enfasi fuq:**

| | |
|---|---|
| riklami, avviżi, slowgans, listi kronoloġiċi, deskrizzjonijiet u rakkonti qosra u twal ta' ġrajjiet storiċi u fittizji, u aneddoti. | aħbarijiet, djarji, bijografiji, awtobijografiji, struzzjonijiet, direzzjonijiet, diskorsi, rapporti, pariri, taqsiriet u opinjonijiet. |

# It-taħdit

**L-istudenti jitkellmu meta jmisshom u b'Malti tajjeb waqt laqgħat formali u informali b'mod mexxej u xieraq f'kuntesti differenti, u jaddattaw it-taħdit tagħhom skont l-udjenza u l-għanijiet li għandhom.**

<table>
<tr><th>S1-S3</th><th>S4-S5</th></tr>
<tr><td>L-istudenti:<br>▪ Jipparteċipaw b'kunfidenza waqt diskussjonijiet u konverzazzjonijiet fuq suġġetti li huma familjari magħhom u li jinteressawhom.<br>▪ Jagħtu struttura lit-taħdit tagħhom.<br>▪ Jużaw evidenza u illustrazzjonijiet biex jarrikkixxu l-espożizzjoni mitkellma.<br>▪ Jużaw il-mossi, it-ton, il-volum u r-ritmu biex iwasslu messaġġ bil-fomm.<br>▪ Jagħżlu forom lessikali u idjomatiċi tajbin.<br>▪ Jippronunzjaw il-Malti b'mod xieraq u li jinftiehem minn semmiegħa oħrajn.</td><td>L-istudenti:<br>▪ Jużaw il-Malti standard b'mod mexxej f'kuntesti differenti.<br>▪ Jużaw argumentazzjoni, imsejsa fuq għejun ta' informazzjoni differenti biex jipperswadu lil ħaddieħor.<br>▪ Jagħtu raġunijiet validi meta ma jaqblux ma' argumenti jew ma' ideat ta' oħrajn.<br>▪ Jiddeskrivu problema u jipproponu għadd ta' soluzzjonijiet għaliha.</td></tr>
<tr><th colspan="2">L-istudenti jirrakkuntaw ġrajjiet ta':</th></tr>
<tr><td>▪ fantasija<br>▪ storja u avventura<br>▪ umoriżmu.</td><td>▪ realtajiet differenti<br>▪ argumentazzjoni.</td></tr>
<tr><th colspan="2">L-istudenti jitkellmu b'vuċijiet differenti skont it-tema. Jistgħu jużaw il-vuċi tagħhom infushom, jew:</th></tr>
<tr><td>▪ ta' kreatura fantasika maħluqa<br>▪ ta' kelliem waqt narrazzjoni u spjegazzjoni ta' fatt storiku jew fittizju<br>▪ ta' personaġġ komiku.</td><td>▪ ta' kelliem waqt laqgħa informali u formali, ta' ġurnalist li qed jirrapporta f'xandira diretta<br>▪ ta' personaġġ li għandu awtorità.</td></tr>
<tr><th colspan="2">Issir enfasi fuq:</th></tr>
<tr><td>riklami, avviżi, djalogi u intervisti, rakkonti qosra u twal ta' ġrajjiet storiċi u fittizji, u aneddoti.</td><td>istruzzjonijiet, direzzjonijiet, regolamenti suġġerimenti ta' xi azzjoni jew reazzjoni għal suġġeriment, diskussjoni u l-espressjoni tal-fehma/iet tagħhom, dibattiti, pariri u diskorsi.</td></tr>
</table>

# Il-kitba

**L-istudenti jiktbu b'Malti tajjeb, b'kalligrafija li tinqara, bl-ittajpjar skont il-possibbiltajiet li toffri t-teknoloġija, biex jesprimu l-fehmiet u l-esperjenzi tagħhom, biex jinformaw, jispjegaw u jiddeskrivu, biex jipperswadu, jargumentaw u jissuġġerixxu, u biex janalizzaw, jirrevedu u jikkummentaw.**

| S1-S3 | S4-S5 |
|---|---|
| L-istudenti:<br>▪ Jużaw tekniki differenti biex jesprimu l-ideat tagħhom, it-temi li jiktbu fuqhom u l-karattri li jsemmu.<br>▪ Jiktbu b'forom lessikali u idjomatiċi tajbin.<br>▪ Jiktbu skont ir-regoli tal-grammatika u tal-ortografija.<br>▪ Jgħaddu mill-istadji kollha tal-proċess tal-kitba. | L-istudenti:<br>▪ Jiktbu, jorqmu u jippreżentaw ġeneri varji lil udjenzi differenti.<br>▪ Jipproduċu testi argumentattivi sostanzjati b'evidenza riċerkata.<br>▪ Jiffamiljarizzaw ruħhom mal-konvenzjonijiet tal-ikkowtar u l-kitba ta' referenzi.<br>▪ Jippreżentaw il-kitba riċerkata tagħhom lil udjenza bil-għan li jipperswaduha.<br>▪ Jiksbu kuxjenza ta' strutturi grammatikali iktar kumplessi. |

**Is-sengħa tal-kompożizzjoni tal-kitba**

L-istudenti għandhom jitgħallmu s-sengħa tal-kompożizzjoni billi jużaw tajjeb il-mekkaniżmi biex jiktbu Malti xieraq billi jżommu f'moħħhom il-kostruzzjoni tas-sentenza, ir-regoli grammatikali, l-ortografija u l-punteġġjatura; u jagħrfu l-proċess tal-kitba billi jżommu f'moħħhom l-għażla tat-tema, il-pjan, l-iżvolġiment, ir-reviżjoni, il-qari tat-test finali u l-espożizzjoni tiegħu.

| L-istudenti jiktbu fuq ġrajjiet ta': | |
|---|---|
| ▪ fantasija<br>▪ storja u avventura<br>▪ umoriżmu. | ▪ realtijiet differenti<br>▪ argumentazzjoni. |

| L-istudenti jiktbu b'vuċijiet differenti skont it-tema. Jistgħu jużaw il-vuċi tagħhom infushom, jew: | |
|---|---|
| ▪ ta' annimal, ta' pjanta, ta' oġġett inanimat, ta' kreatura fantasika maħluqa<br>▪ ta' persunaġġ avventuruż, storiku jew fittizju<br>▪ ta' personaġġ komiku. | ▪ ta' ġurnalist li qed jirrapporta f'gazzetta<br>▪ ta' personaġġ li għandu awtorità. |

| Issir enfasi fuq: | |
|---|---|
| riklami, avviżi, djalogi, intervisti, rakkonti qosra u twal ta' ġrajjiet storiċi u fittizji, ittri u ittrejiet, listi u aneddoti. | aħbarijiet, kitbiet fid-djarju, bijografiji, awtwobijografiji, deskrizzjonijiet ta' ċerimonji, istruzzjonijiet, direzzjonijiet, regoli, rapporti, pariri, taqsiriet, opinjonijiet, diskorsi, artikli informattivi. |

# Il-kultura Maltija

**L-istudenti jitgħallmu fuq il-kultura Maltija, l-imgħoddi u l-preżent. L-istudenti jirreflettu fuq il-kultura Maltija, jagħrfu d-distinzjoni bejn il-kunċett ta' identità personali u dik nazzjonali, filwaqt li jirrispettaw kulturi oħra ta' madwarhom.**

| S1-S3 | S4-S5 | S6-S7 |
|---|---|---|
| **Ir-Riflessjoni Kulturali** | | |
| **Il-Mużika Maltija**<br>L-istudenti jitgħallmu fuq it-tipi differenti ta' mużika u kanzunetta Maltija, u strumenti folkoristiċi Maltin.<br><br>**Personaġġi Folkloristiċi Maltin**<br>L-istudenti jitgħallmu fuq Ġaħan. Huma jqabblu dan il-personaġġ folklorstiku ma' personaġġi tal-istess tip ta' pajjiżi oħra fosthom, Giufà (Sqallija) u Ġuħa (l-Afrika). Dan jistgħu jagħmluh permezz ta' preżentazzjoni bit-taħdit u t-teknoloġija, drammatizzata jew immużikata u kantata. | **L-Arkitettura Vernakulari Maltija**<br>L-istudenti jitgħallmu fuq l-arkitettura ta': ir-razzett Malti, il-girna, il-ħitan tas-sejjieħ, id-dura, il-barumbara, il-ħerża u l-kappelli.<br><br>**Artisti Maltin**<br>L-istudenti jagħmlu riċerka fuq artisti ewlenin Maltin. L-istudenti jiktbu tagħrif għal proġett fuq sitt artisti (skulturi, pitturi, atturi, kantanti/ għannejja) Maltin (tlieta ta' qabel is-seklu 20, u tlieta tas-seklu 20). | **L-Emigranti Maltin Illum**<br>L-istudenti jorganizzaw attività kulturali li għandha x'taqsam ma' Malta biex tkun promossa l-kultura Maltija ma' emigranti Maltin u/jew ma' persuni ta' nazzjonalitajiet oħra. |
| **Ir-Riflessjoni Lingwistika** | | |
| **Sistemi Ortografiċi tal-Malti**<br>L-istudenti jaraw sistemi differenti ortografiċi tal-Malti minn tipi ta' gazzetti differenti bil-Malti tas-seklu 19 u tas-seklu 20. Jingħataw lill-istudenti kopji ta' kitbiet stampati fil-gazzetti qodma u jqabblu l-forom ortografiċi differenti. Il-kitbiet ikunu jinkludu ħrejjef u leġġendi fi proża u f'poeżija.<br><br>**Il-Malti Standard u d-Djaletti**<br>L-istudenti jitgħallmu jagħmlu riċerka b'intervisti ma' qrabathom u ħbieb u jiskopru l-użu tad-djaletti fil-Malti. Dawn jistgħu jissemmgħu jew jintwerew fil-klassi u jiġu diskussi flimkien. | **Kittieba Maltin**<br>L-istudenti jagħmlu riċerka fuq kittieba ewlenin Maltin u jirriflettu fuq l-impatt ewlieni li ħallew fuq l-istorja tal-ilsien Malti.L-istudenti jagħtu preżentazzjoni orali (megħjuna bl-użu tat-teknoloġija jew riżorsi oħra) fuq wieħed minn dawn il-personaġġi Maltin.<br><br>**L-Għodod Lingwistiċi**<br>L-istudenti jitgħallmu jużaw id-dizzjunarju, kemm dak stampat kif ukoll dak online, u t-teżawru. Mid-dizzjunarju jitgħallmu jfittxu kelma skont il-mamma u jisfruttawha għat-tagħlim tagħhom tal-grammatika billi jisiltu l-forom verbali u nominali. Jitgħallmu japprezzaw it-tifsiriet differenti li kull kelma tista' ġġorr u jagħżlu bejn tifsira primarja u sekondarja. | **Il-Barranin u l-Ilsien Malti**<br>L-istudenti jitgħallmu japprezzaw l-ambjent lingwistiku ta' madwarhom imqar jekk jinsabu 'l bogħod minn pajjiżhom. Mudelli tajbin għalihom huma l-vjaġġaturi Hieyronimus Megiser u Philip Skippon li ġew Malta u ġabru kliem Malti.<br><br>**L-Istorja tal-Ilsien Malti**<br>L-istudenti jitgħallmu fuq il-ġrajjiet ewlenin li sawru l-ilsien Malti. |

| Il-grammatika | | |
|---|---|---|
| **L-istudenti jagħrfu l-aspetti grammatikali tal-Malti mis-smigħ, mill-qari, mit-taħdit u mill-kitba.** | | |
| | **S1-S3** | **S4-S5** |
| **L-Ortografija** | ▪ L-aċċent grafiku<br>▪ Il-vokali tal-leħen | ▪ Il-punteġġjatura<br>▪ L-ittri kbar<br>▪ L-assimilazzjoni tal-konsonanti |
| **Il-Morfoloġija** | ▪ Il-ġens tan-nom u tal-aġġettiv<br>▪ L-għadd tan-nom u tal-aġġettiv<br>▪ Il-pronomi<br>▪ In-negattiv tal-verbi<br>▪ Il-verb fil-perfett<br>▪ Kelmiet il-għadd<br>▪ Il-prepożizzjoni<br>▪ Il-konġunzjonijiet<br>▪ L-imperattiv | ▪ L-affissazzjoni (prefissi, infissi u suffissi)<br>▪ Il-partiċelli li jingħaqdu mal-artiklu<br>▪ Il-verb fl-imperfett<br>▪ Il-gradi tal-aġġettiv<br>▪ L-avverbju<br>▪ In-nom mimmat |
| **Is-Sintassi** | ▪ Il-binja tas-sentenza sempliċi u komposta<br>▪ It-tgħaqqid ta' sentenzi sempliċi u komposti | ▪ It-tgħaqqid ta' sentenzi kumplessi<br>▪ Qlib ta' sentenzi b'diskors dirett għal diskors indirett u bil-maqlub<br>▪ Sentenzi fl-interrogattiv |

## Il-Kontenut tal-komponent Letterarju

| **A. Il-Poeżiji: GĦAŻLA TA' ERBA' POEŻIJI KULL SENA U POEŻIJA OĦRA LI JAGĦŻEL L-GĦALLIEM.** |
|---|
| (Mill-antoloġija ta' Oliver Friġġieri *Il-Poeżija Maltija,* Malta University Publishing, 1996) |
| **S1** |
| Rużar Briffa: *Lil Ommi* p.149* [14] |
| Anton Buttigieg: *Il-Kebbies tal-Fanali* p. 172 |
| Gan Anton Vassallo: *Tifħira lil Malta* p.20* |
| Karmenu Vassallo: *Raħal Twelidi* (minn sorsi oħra)* |
| Gorg Chetcuti: *L-Arka Tiegħi* p. 224 |
| Rena Balzan: *L-ajruplan* p. 373 |
| Gorg Borg: *Farfett* p. 380 |
| Joe Friggieri: *Hemm fjura rqiqa* p.385 |
| Joseph Buttigieg: *Tnassis* p. 454 |

[14] Fuq dawk it-testi mmarkati b'asterisk, l-għalliema jistgħu jużaw il-filmati li nħadmu mill-istudenti tal-Istitut tal-Arti Kreattiva u d-Disinn tal-MCAST, il-Mosta, u joffru spunti għad-diskussjoni u l-interpretazzjoni differenti tat-testi letterarji. Dawn il-filmati jinsabu fuq is-sit elettroniku malti.skola.edu.mt

| **S2** |
|---|
| Anton Buttigieg: *Lill-Kampanella* p.170 |
| Ġużè Delia: *San Franġisk u l-Gamiem* p. 118 |
| Mary Meilaq: *Fi nżul ix-xemx* p. 138 |
| Dun Frans Camilleri: Lill-Imdina p. 220 |
| Joseph Sciberras: *Ir-Rebbiegħa* p.272 |
| Gorg Peresso: *Fil-Menqa* p. 319* |
| Philip Sciberras: *Sentiment: Lil Binti Lara* p. 367 |
| Joe Friggieri: *In-nanna* p.386 |

| **S3** |
|---|
| Dun Karm: *Lil Malta* p.75 |
| Anton Buttigieg: *Il-Ħolma t'Alla* p. 173* |
| Charles Coleiro: *Erġa' Settembru!* p.270 |
| Gorg Pisani: *Il-Ġgantija ta' Għawdex* p. 162 |
| Gużè Chetcuti: *Matul is-snin tal-ħajja* p. 206* |
| Mikiel Spiteri (Kilin): *Toro* p. 211 |
| Wistin Attard: *Lill-Pitirross* p. 297 |
| Carmel G. Cauchi: *M'għadux jhennini l-ward* p. 359 |
| Joe Friggieri: *L-għajn fil-misraħ* p. 385 |

| **S4** |
|---|
| Rużar Briffa: *Vjolin Marid* p.144 |
| Gorg Żammit: *Gelmus* p. 154* |
| Gużè Abela: *X'qed tagħmel bħalissa* p. 257 |
| John Sciberras: Għada... p. 262 |
| Victor Fenech: *Għażla minn 'Ħsibijiet fuq stil Ħajku'* p. 273 |
| Carmel G. Cauchi: *Jekk ma jarawx għajnejk* p. 362 |
| Achille Mizzi: *Evviva* p. 304 |

| **S5** |
|---|
| Rużar Briffa: *Il-Kotra u Jien* p. 145 |
| Gorg Zammit: *Lill-Imħara* p.156 |
| Karmenu Vassallo: *Ħbiebi* p. 184 |
| Marcel Mizzi: *Il-Mewt taż-Żgħażagħ* p. 225 |
| Oliver Friggieri: *Jekk* p. 398 |
| Albert Marshall: *Qalli dar-raġel* p. 407 |
| Victor Fenech: *Iż-Żabra* p. 281 |

| **B. In-Novelli: Isiru tal-anqas ĦAMES novelli f'kull sena S1 u S2. ERBGĦA MINN DIN IL-LISTA U NOVELLA OĦRA LI JAGĦŻEL L-GĦALLIEM.** |
|---|

| **S1** |
|---|
| Għażla min-novelli tal-antoloġija ***Arja Friska 1***, Klabb Kotba Maltin, 2014 |
| i) *Il-Kappella ta' San Mitri f'qiegħ il-baħar* ta' Victor Fenech p. 29 |
| ii) *Ġaħan u l-ġurdien* ta' George Mifsud-Chircop p.41* |
| iii) *Il-ġennien* ta' Gorg Borg p.58* |
| iv) *Fra Martin* ta' Ġużè Chetcuti p. 107* |
| v) *Id-dar tal-ħares* ta' Charles Flores p. 70 |
| **S2** |
| Għażla min-novelli tal-antoloġija ***Arja Friska 2****,* Klabb Kotba Maltin, 2014 |
| *i) Fulu u skartoċċ* ta' Paul P.Borg p.9 |
| *ii) Id-dilemma ta' Sara* ta' Nora Macelli p. 52* |
| *iii) L-għolja tad-deheb u t-teżori* ta' Gorg Pisani p. 72* |
| *iv) Weġġah lil missierek* ta' Vince Vella p. 92 |
| *v) L-emigrant* ta' Laurence Mizzi p. 64. |

| **S3: Għażla ta' EBGĦA novelli minn dawn: (importanti li l-għażla tkun miż-żewġ kotba). IL-ĦAMES NOVELLA TINTGĦAŻEL MILL-GĦALLIEM.** |
|---|
| *Mill-Gallarija* ta' Charles Casha, |
| i) *L-ittra ta' Doris* p.11 |
| ii) *Leli* p. 45 |
| iii) *Il-Festa tar-Raħal* p. 51 |
| iv) *Il-Ħares* p.129 |
| *Stejjer tar-Ronnie* ta' Joe Friġġieri, |
| i) *Bla ilma* p. 9 |
| ii) *Il-paċi fil-familja* p.23 |
| iii) *Sqallija* p. 49 |
| iv) *L-Għadira s-Sewda* p.55 |

| **S4: Għażla ta' ERBGĦA novelli minn: (importanti li l-għażla tkun mit-tlett kotba). IL-ĦAMES NOVELLA TINTGĦAŻEL MILL-GĦALLIEM.** |
|---|
| <u>*Stejjer għal Valentina* ta' Lino Spiteri</u> |
| i) *Basal* p. 41 |
| ii) *Martin* p. 71 |
| iii) *Wara l-ħabs* p.105 |
| iv) *Turġien* p.137 |
| <u>*Il-Bieb numru 11 u stejjer oħra* ta' Lina Brockdorff</u> |
| i) *"Nann, kemm domt ma ġejt illejla?..."* p.19 |
| ii) *Is-siġar li jżommu id f'id* p.55 |
| iii) *Alicia* p. 35 |
| iv) *Is-siġġu ta' ħdejn it-tieqa* p. 156 |
| <u>*Għajnejn Kalanġ u stejjer oħra* ta' Mikiel Spiteri (Kilin)</u> |
| i) *Gamiem u baċilli* p 15 |
| ii) *Ċekċik* p 56 |
| iii) *Dell ta' fatat* p. 74 |
| iv) *Punt u dro* p112 |

| **S5: Għażla ta' ERBGĦA novelli minn: (importanti li l-għażla tkun mit-tlett kotba). IL-ĦAMES NOVELLA TINTGĦAŻEL MILL-GĦALLIEM.** |
|---|
| <u>*Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri* ta' Oliver Friggieri,</u> |
| i) *Il-ministru jħobb l-ambjent*, p.1 |
| ii) *San Franġisk jidħol il-Kurja*, p.19 |
| iii) *L-eżami bix-xorti,* p. 29 |
| vi) *Saver iridha ta' Mosè* p.69 |
| v) *Il-Mafja mhix taparsi* p.205 |
| <u>*Ħrejjef għal żminijietna* ta' Joe Friggieri</u> |
| i) *L-Imċewlaħ* p.7 |
| ii) *L-inbid tal-Baruni* p.24 |
| iii) *Wiċċ u rġejjen* p 48 |
| iv) *Żewġ ritratti* p.60 |
| v) *Il-platt tal-fqir* p.64 |

**Ċ. Ir-Rumanzi**

| **Ir-rumanzi rrakkomandati: Għażla ta' WIEĦED minn:** |
|---|
| **L-GĦALLIEM JISTA' JAGĦŻEL RUMANZI OĦRA WARA LI JKUN MELA ĊEKKJATURA U R-RUMANŻ/I JIĠI/U APPROVAT/I MILL-ISPETTUR TAS-SUĠĠETT.** |
| **S1**<br>*L-Imsella Msadda* ta' Carmel G Cauchi *jew*<br>*Irvin Vella investigatur virtwali* ta' John Bonello |
| **S2**<br>*Fuklar qadim u bnadar imċarrta* ta' Trevor Żahra *jew*<br>*X'aħna smart* ta' Stephen Lughermo *jew*<br>*Arloġġ u Tila* ta' Roberta Bajjada |
| **S3**<br>*Imsiebaħ il-le*jl ta' Victor Fenech *jew*<br>*Fi nżul ix-xemx* ta' Rita Saliba |
| **S4**<br>*Meta nstabu l-anġli* ta' Pierre Meilaq *jew*<br>*Ġimgħa,Sibt u Ħadd* ta' Ivan Bugeja |
| **S5**<br>*San Ġwann* ta' Ġużè Galea *jew*<br>*Is-Salib tal-Fidda* ta' Patri Wistin Born |

| **D. Id-Drammi** |
|---|
| **Drammi obbligatorji mill-ġabra** *It-Tulipan l-Iswed* ta' Joe Friġġieri, Progress Press 2004. |
| **S1** *L-Għanja tal-Weraq* p. 49 |
| **S2** *l-Għanja tal-Pasturi* p. 17 |
| **S3** *Maskri* p. 71 |
| **S4** *Il-Karowki* p.245 |
| **S5** *Matti* p.3 |

| **IT-TERMI LETTERARJI LI JRIDU JIĠU MGĦALLMA SAL-S5 U L-S7** | | |
|---|---|---|
| **TERMINU** | **S5** | **S7** |
| | | |
| **Il-Mudelli tal-Ħoss** | | |
| L-alliterazzjoni | ✓ | ✓ |
| Il-metru: il-vers regolari | ✓ | ✓ |
| Il-metru: il-vers ħieles | ✓ | ✓ |
| L-onomatopea | ✓ | ✓ |
| Ir-rima (għarfien tagħha) | ✓ | ✓ |

| | | |
|---|---|---|
| Ir-rima mbewsa | ✓ | ✓ |
| Ir-rima alternata | ✓ | ✓ |
| Ir-rima nterna | | ✓ |
| Ir-rma ħielsa | | ✓ |
| It-ton tal-poeżija | ✓ | ✓ |
| It-ton tal-proża | ✓ | ✓ |
| **Il-Lingwa Figurattiva** | | |
| Il-metafora | ✓ ifissruha b'għajnuna | ✓ jidentifikawha u jfissruha |
| Il-personifikazzjoni | ✓ | ✓ |
| Is-similitudni | ✓ | ✓ |
| **Il-Mudelli rettoriċi** | | |
| L-anafora | ✓ | ✓ |
| L-epiżewski | ✓ | ✓ |
| L-apostrofi | ✓ | ✓ |
| L-ewfemiżmu | | ✓ |
| L-iperbole | ✓ | ✓ |
| L-ironija | | ✓ |
| Il-mistoqsija rettorika | | ✓ |
| **L-Aspetti Strutturali** | | |
| Iċ-ċesura | | ✓ |
| Il-polisindeto | | ✓ |
| L-istrofa | ✓ | ✓ |
| Il-vokabularju magħżul | ✓ | ✓ |

| S6- S7 | |
|---|---|
| **Sa tmiem is-seba' sena l-istudenti iridu jilħqu dawn il-miri tat-tagħlim fil-ħiliet tat-Taħdit, tas-Smigħ, tal-Qari u l-letteratura u tal-Kitba.** | |
| | |
| **It-Taħdit** | • Nagħmel talbiet u mistoqsijiet biex nikseb it-tagħrif li neħtieġ billi naddatta l-livell ta' formalità fit-taħdit tiegħi skont is-sitwazzjoni, il-kuntest u l-udjenza.<br>• Nagħmel preżentazzjoni orali fejn nippreżenta t-tagħrif, ir-riċerka u l-ideat tiegħi f'ambjent li fih is-semmiegħa jkunu mistiedna u jħossuhom komdi li jistaqsuni biex niċċaralhom xi punti u hekk jifhmu aħjar.<br>• Nitkellem wara li nkun irriċerkajt fuq il-kultura Maltija fil-kuntest ta' kulturi Mediterranji u Ewropej oħra.<br>• Nagħti bil-fomm il-livell meħtieġ ta' dettall f'dak li ngħid u nżomm dejjem mas-suġġett, wara li nagħraf u ngħarbel il-kuntest, is-sitwazzjoni u l-udjenza.<br>• Nesprimi għadd ta' fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. |
| **Is-Smigħ** | • Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku kumpless.<br>• Insegwi test waqt li nevalwa l-kontenut li nkun smajt billi nagħti wkoll il-ġudizzju tiegħi.<br>• Nagħti t-tifsira ta' għażla wiesgħa ta' lessiku użat f'test.<br>• Niddistingwi t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti differenti mħaddmin f'diskorsi formali u informali.<br>• Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. |
| **Il-Qari** | • Nagħti t-tifsira ta' kliem u frażijiet misjuba f'testi dwar suġġetti ta' interess ġenerali.<br>• Nispjega r-relazzjoni bejn partijiet mit-test u xi informazzjoni rappreżentata b'mod grafiku dwaru u/jew viżwal.<br>• Nislet evidenza minn test twil u kumpless, id-distinzjoni bejn fatt u opinjoni, u dak li hu implikat bejn il-linji.<br>• Nagħraf l-istrateġiji li jħaddem il-kittieb/a biex jaffettwa lill-qarrejja.<br>• Inwieġeb mistoqsijiet diretti u inferenzjali fuq test. |
| **Il-Letteratura** | • Nabbina kwalitajiet stilistiċi ma' perjodi speċifiċi fil-letteratura Maltija (Romantiku u Modern).<br>• Nevalwa kif il-vokabularju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti epoka/i partikolari.<br>• Nispjega t-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fiha l-karattri. |

| | |
|---|---|
| | • Nanalizza kif il-kittieb/a j/tiżvolġi punti di vista partikolari f’test letterarju.<br>• Nitkellem jew nikteb dwar xi differenzi (punti ta’ nuqqas ta’ qbil) bejn żewġ testi letterarji.<br>• Nikkummenta b’mod kritiku bil-kitba b’rabta ma’ test letterarju billi nislet evidenza minnu.<br>• Niddiskuti kif it-test letterarju jista’/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi.<br>• Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi tal-ħoss f’test letterarju.<br>• Nanalizza l-effetti u l-funzjonijiet tax-xbihat letterarji f’test letterarju.<br>• Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi strutturali f’test letterarju. |
| **Il-kitba** | *Il-kitba għandha ssir f’dawn il-ġeneri: esej, rapport, ittra u blogg.*<br>• Nikteb kitbiet skont in-natura tal-kitba narrattiva.<br>• Nikteb kitbiet skont in-natura tal-kitba deskrittiva.<br>• Nikteb kitbiet skont in-natura tal-kitba argumentattiva.<br>• Nikteb kitbiet skont in-natura tal-kitba espożitorja.<br>• Nikteb skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru.<br>• Nikteb b’rabta bejn il-paragrafi, li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta, imma b’sekwenza tajba.<br>• Nikteb bi stil mexxej u ftit elaborat skont il-ġeneru.<br>• Nikteb b’espressjonijiet mexxejja u b’lessiku skont il-kuntest.<br>• Nikteb kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità.<br>• Nikteb is-sinjali tal-punteġġjatura fil-post it-tajjeb. |
| **Il-Grammatika** | • L-istat kostrutt<br>• It-T marbuta<br>• Il-forom tal-verbi<br>• Il-parteċipju attiv u passiv<br>• In-nom verbali<br>• Iz-zokk morfemiku<br>• Binjiet differenti tas-sentenzi komposti u kumplessi<br>• Reviżjoni tal-punti grammatika tas-snin l-imgħoddija. |

**Ix-xogħlijiet letterarji preskritti għas-sillabu tal-Bakkalawrjat Ewropew**

L-antoloġija *Hemm Art fil-Folja* b'kollox tiġbor fiha 33 xogħol Letterarju maqsuma fuq erba' taqsimiet li għas-sillabi tal-Malti SEC iridu jsiru kollha. Peress li fl-Iskejjel Ewropej dan il-programm isir fuq sentejn u mhux fuq tlieta u n-numru ta' lezzjonijiet huma ferm inqas, in-numru ta' xogħlijiet li jridu jiġu koperti għall-eżami tal-Iskejjel Ewropej ġie mnaqqas. Xi xogħlijiet Letterarji li fis-sillabu tas-SEC se jsiru f'forma ta' assessjar kontinwu, f'dan is-sillabu se jkunu inklużi fit-18-il xogħol letterarju u se jiġu assessjati bl-eżami. Fl-assenza tal-assessjar kontinwu fil-programm tal-Iskejjel Ewropej, l-istudenti se jkunu mitluba sabiex fil-komponent tal-Letteratura jwieġbu żewġ titli minflok wieħed kif mitlub fl-eżami tas-SEC.

| **Poeżija** | | | **Proża** | |
|---|---|---|---|---|
| L-arloġġ | Dun Karm | | Il-Ħrafa ta' www.kullkulur.com | Trevor Zahra (Novella) |
| Żagħżugħ ta' Dejjem | Dun Karm | | Qsari tal-Fuħħar | Joe Friggieri (Novella) |
| Għaliex | Dun Karm | | Il-Mutu | Walid Nabhan (Novella) |
| Univers Ieħor | Dun Karm | | Il-Mejda tal-Mogħdija | Pierre J. Meilak (Novella) |
| Il-Għanja tar-Rebħa | Dun Karm | | Nazju Ellul | Gużè Muscat Azzopardi (Silta minn rumanz) |
| Għar Dalam | Gorġ Pisani | | Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka | Juann Mamo (silta minn Rumanz) |
| Il-Ktieb | Immanuel Mifsud | | L-ibleh | Guzè Orlando (silta minn rumanz) |
| Din Gżira Niexfa | Clare Azzopardi | | Magna Mater | Loranne Vella (silta minn rumanz) |
| Ħitan tas-Sejjieħ | Marjanu Vella | | | |
| Bħal Minutiera | Lilian Sciberras | | | |

Dawn ix-xogħlijiet letterarji ma jintużawx fit-taqsima tar-referenza għall-kuntest *unseen*.

### 6.2.2 Il-Komunikazzjoni Awtentika bil-Lingwa fil-Mira

#### *6.2.2.1 Inkattru l-Opportunitajiet*

It-tagħlim effettiv ta' lingwa jinvolvi l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' komunikazzjoni bil-lingwa fil-mira. L-iżvilupp ta' għadd ta' kompetenzi lingwistiċi joffri dawn l-opportunitajiet: is-smigħ, l-interazzjoni orali, il-produzzjoni orali u dik miktuba. Opportunitajiet bħal dawn jistgħu jinħolqu fil-kuntest tat-tagħlim fil-klassi jew f'kuntest ta' tagħlim imħallat jew bħala parti mit-tagħlim li jmur lil hinn mill-klassi. Il-ħolqien ta' dawn l-opportunitajiet isir aktar meħtieġ fejn, bħal fil-każ tal-ONL, l-istudenti jistgħu jkunu qed jitgħallmu lingwa mingħajr il-benefiċċju li jkunu parti minn komunità li titkellimha, u għaldaqstant ma jkollhomx l-opportunitajiet naturali li toffri l-ħajja ta' kuljum biex jużaw u jipprattikaw il-lingwa fil-mira.

Huwa għalhekk tassew meħtieġ li jitfakkar l-irwol ewlieni tal-għalliem bħala mudell tar-rwol lingwistiku u r-rwol ċentrali li hu għandu / hi għandha fl-użu tal-lingwa fil-mira fil-komunikazzjoni transazzjonali fil-klassi – l-ewwel opportunità reali u kontinwa għal komunikazzjoni fil-lingwa fil-mira. Id-dokument 2018-12-D-7-en-4 jagħti l-Viżjoni Diġitali għall-Iskejjel Ewropej kif ġej:

> *"**Kull student** jiżviluppa/**studenta** tiżviluppa tul l-edukazzjoni tiegħu/tagħha fl-Iskejjel Ewropej, il-kompetenza diġitali biex irawwem/trawwem l-użu **kunfidenti, kritiku, responsabbli u kreattiv** ta', u permezz tat-tlaqqigħ ma', teknoloġiji diġitali għat-tagħlim, għax-xogħol, u għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà."*

L-użu tat-teknoloġiji diġitali fil-klassijiet tal-lingwa mhux biss jissapportja l-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali tal-istudenti imma wkoll iżidu l-opportunitajiet għal komunikazjzoni awtentika kemm fil-klassi kif ukoll lil hinn. Dan l-użu jista' jwassal lill-istudenti jaċċessaw komunità ta' kelliema virtwali.

F'dan id-dokument, se nħarsu lejn tliet kompetenzi: is-smigħ, l-interazzjoni u l-produzzjoni orali. Se jingħata ħjiel u ideat biex jissapportjaw lilkom l-għalliema fil-ħolqien ta' opportunitajiet għall-komunikazzjoni awtentika fil-lingwa fil-mira tal-istudenti tagħkom. Il-lista mhumiex eżawrijenti; ideat li jiffukaw fuq l-iżvilupp il-kompetenzi tas-smigħ se jidhru l-ewwel abbażi tal-kunċett li student ta' lingwa bosta drabi jitlaq l-ewwel mill-iżvilupp tal-ħiliet riċettivi għall-iżvilupp ta' dawk produttivi. L-ideat li jeħtieġu teknoloġiji diġitali huma mmarkati b'asteriks. Tajjeb li wieħed jinnota li l-interazzjoni awtentika fil-klassi tinħoloq dejjem permezz ta' opportunitajiet bis-sens li fihom tintuża l-lingwa fil-mira. It-taħriġ fil-lingwa permezz tat-titriġ (scaffolding) u l-logħob jista' jkun meħtieġ minn qabel sabiex tinkiseb il-komunikazzjoni sinifikanti imma qatt ma għandu jieħu post l-opportunitajiet naturali għall-istudenti biex ikunu involuti b'mod attiv f'komunikazzjoni reali.

Fl-aħħar nett, għandek tinnota li kull tabella fiha għadd ta' spazji vojta. Dawn jistednuk tuża, tannota u żżid ideat oħra mill-esperjenzi reali u ta' valur tiegħek.

| Il-Kompetenza tas-Smigħ |
|---|
| Huwa importanti li tikkunsidra mhux biss l-ittestjar tal-kompetenza tas-smigħ imma l-iżvilupp li jkun hemm fuq medda ta' żmien tal-kompetenza. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerit li jintuża approach li jinkludi attivitajiet ta' tħejjija minn qabel, is-smigħ innifsu (approach li jieħdu fi stadji) u r-reviżjoni.<br><br>Huwa wkoll issuġġerit li jiġi kkunsidrat fejn u meta l-kelliem/a student/a tal-lingwa jkollu/ jkollha juża/tuża l-ħiliet tas-smigħ fil-ħajja reali; pereżempju – biex jifhem: istruzzjonijiet; avviżi; intervisti; aħbarijiet; waqt ix-xiri; f'konverzazzjonijiet telefoniċi, fl-irrakkuntar tal-istejjer, u l-bqija.<br><br>L-użu ta' materjal għas-smigħ u l-iżvilupp tal-istess ħiliet jagħtu opportunità sabiħa għall-integrazzjoni tal-letteratura u l-kanzunetta fil-klassi. |

| Il-Kompetenza tas-Smigħ: Strateġiji għall-Klassi | |
|---|---|
| **L-Attività** | **L-Approach u d-Deskrizzjoni** |
| *Nisma' biex nidentifika* | L-istudenti jingħataw lista nnumerata/mmarkata ta' kliem/frażijiet; huma jinnotaw in-numri tal-kliem/frażijiet użati. |
| *Nisma' biex inqabbel* | L-istudenti jisimgħu u jqabblu l-informazzjoni meħtieġa ma' xbieha mogħtija. |
| *Nisma' u nsegwi* | L-istudenti jisimgħu direzzjonijiet u jsegwu fuq mappa;<br>L-istudenti jisimgħu sensiela ta' istruzzjonijiet u jpoġġuhom fl-ordni t-tajba. |
| *Nisma' biex inkompli* | L-istudenti jisimgħu u jimlew il-vojt fit-taħriġ. |
| *Nisma' biex niġbor tagħrif* | L-istudenti jingħataw sett speċifiku ta' mistoqsijiet li jridu jwieġbu. |
| *Nisma' biex niddeċiedi* | L-istudenti jisimgħu u jiddeċiedu jekk is-sentenza hijiex Veru jew Falz. |
| *Nisma' biex niddeduċi* | L-istudenti  jisimgħu u jiddeċifraw/ jiddeduċu l-burdata/l-emozzjoni u l-bqija. |
| *Nisma' biex nikseb fehim sħiħ/parzjali* | L-istudenti, individwalment jew f'pari jew fi gruppi, jiġu megħjuna jisimgħu għall-fehim sħiħ jew parzjali ta' tema. L-għalliem/a wara jmexxi/tmexxi sessjoni orali ta' rispons li twassal għat-tgħaqqid flimkien tal-partijiet kollha tat-tema. |
| *Nisma' għal strutturi speċifiċi* | L-istudenti huma mistiedna jagħrfu tempijiet tal-verb partikulari, aġġettivi partikulari u l-bqija. |
| *Nisma' għal alternattivi* | L-istudenti jiġu mistiedna jaqsmu modi kif jistgħu jesprimu ħsieb/idea/emozzjoni partikulari u wara jintalbu għażla alternattiva għal dak li jkunu semgħu. |
| *Nisma' biex inqassar/nanalizza* | Dan hu taħriġ impenjattiv li jitlob li l-istudenti jagħmlu taqsira minn punti ewlenin. |

| | |
|---|---|
| *Nisma' u nuża* | L-istudenti jintalbu jisimgħu frażijiet użati b'għanijiet partikulari u wara jintalbu jużawhom huma stress. |
| *Nisma' biex intenni* | Din l-attività tgħin fit-tħaddim tad-diskors indirett. L-istudenti jintalbu jisimgħu u wara jgħidu x'ikun qal wieħed mill-kelliema. |
| *Nisma' biex nieħu gost!* | Nisma' biex insegwi u nieħu gost bi storja ħafifa jew nisma' verżjoni awdjo xierqa ta' test preskritt. |
| *Nisma' biex inwieġeb/nagħti opinjoni* | L-istudenti jisimgħu aħbar qasira/silta b'opinjoni u wara jintalbu jwieġbu għaliha billi jagħtu l-fehma tagħhom dwarha. |
| | |
| | |

| **Strateġiji li jistgħu jintużaw mal-klassi għall-Interazzjoni u l-Produzzjoni Orali** | |
|---|---|
| **L-Attività** | **L-Approach u d-Deskrizzjoni** |
| *Bidu tal-lezzjonijiet permezz tal-oral* | 3-5 minuti taħdit naturali, informali. Biex tgħin dan l-approach, tajjeb li jkollok sfond sa mill-bidu tas-sena tal-oqsma ta' interess li jolqtu l-klassi. |
| *L-aħbarijiet tal-ġurnata* | Fuq bażi ta' rotazzjoni, l-istudenti kollha tal-klassi jagħmlu intervent orali qasir; tista' tistimula t-twessigħ ta' dan l-intervent permezz ta' mistoqsijiet mill-istudenti l-oħra; dan kollu jista' jwassal għall-kitba fit-tielet persuna bħala tkomplija tax-xogħol. |
| *Jistaqsu mistoqsijiet* | Huwa meħtieġ ħafna li l-istudenti jiksbu l-ħila li jagħmlu mistoqsijiet u mhux sempliċiment ikunu jafu jweġbuhom; il-komunikazzjoni fil-pajjiż tal-lingwa fil-mira titlob il-kapaċità li wieħed ikun jaf jistaqsi. |
| *Jiddeskrivu kif jaħdmu l-affarijiet* | L-istudenti jingħataw stampa ta' oġġett mill-ħajja ta' kuljum bħal mobile, card tal-metro u jintalbu jiddeskrivu kif l-oġġett jintuża. |
| *Strateġiji għal tagħlim koperattiv* | Jistgħu jsiru attivitajiet bħal Placemat; Ice Breaker Activities; Jigsaw Learning u l-bqija. |
| *Interazzjoni bbażata fuq ħidma* | Tpoġġija ta' informazzjoni fil-vojt tkun teħtieġ interazzjoni orali bejn l-istudenti biex issir sew. |

| | |
|---|---|
| *Irrakkuntar ta' stejjer* | Tista' ssir fi gruppi. Kull grupp jingħata l-istess sentenza tal-bidu; wara kull membru tal-grupp jirrepeti s-sentenza u jżidu oħra magħha sakemm l-istorja tkun kompluta, ngħidu aħna f'sitt sentenzi; fl-aħħar kull grupp jgħid l-istorja tiegħu.<br><br>L-irrakkuntar tal-istejjer jista' jgħin il-fehim tal-kultura – irrakkuntar sempliċi ta' ħrejjef nazzjonali magħrufa.<br><br>Kartini għall-irrakkuntar tal-istejjer jistgħu jsiru jew jinxtraw bħala sett. L-istudenti jagħżlu għadd ta' karti b'mod każwali u jintalbu joħolqu storja abbażi tal-istampi magħżula.<br><br>L-użu ta' apps maħsuba biex jgħinu l-irrakkuntar ta' stejjer* |
| *Logħob ta' Rwoli* | L-istudenti jingħataw istruzzjoni jew script miktub minn grupp fuq tema/xenarju mogħti. Il-logħob tar-rwoli huwa meħtieġ ħafna fil-ħolqien ta' sitwazzjonijiet prototipiċi ta' komunikazzjoni fil-ħajja ta' kuljum. |
| *Il-Logħob* | I Spy; 20 questions; Hang the man; Charades; Bingo etc., |
| *Simulazzjoni globali* | Huwa approach li jista' jintuża fuq perjodu ta' żmien; jinvolvi l-istħajjil ta' kuntest reali bħal ngħidu aħna appartament jew villaġġ żgħir b'abitanti differenti. L-istudenti tal-klassi jieħdu l-identità ta' individwi partikulari u jwieġbu għal kuntesti differenti li jsibu rwieħhom fihom jew għal ħidmiet partikulari li jistgħu jingħataw. |
| *Ħidma fi gruppi* | F'attivitajiet bħal fehim il-qari, interazzjoni orali, produzzoni orali, tħejjija għal ħidmiet tal-kitba, ħidma fuq proġetti, u xogħol bħall-ippjanar, l-abbozzar, l-editjar u l-preżentazzjoni ta' reċensjoni ta' film, paġna ta' blogg u l-bqija. |
| *Ħidma f'pari* | Partikularment fl-interazzjoni orali u l-ħidma ta' proġetti. L-użu ta' apps li jirrekordjaw l-ilħna tista' tgħin f'dan ir-rigward.* |
| *Posters* | B'risposta għal mistoqsija; biex jispjega u juri, biex jagħti rispons orali.<br>Jista' jsir diġitali wkoll b'kontenut integrat.* |
| *Soap box* | Jingħata suġġett każwali mill-għalliem/a.<br>L-istudenti jkollhom 2/3 minuti biex jitkellmu fuq dan is-suġġett każwali (m'hemmx għalfejn ikun serju). |
| *Hot spot* | L-istudenti jew l-għalliem/a jqajmu suġġett kurrenti li jkun jaħraq fil-mument mill-aħbarijiet lokali jew internazzjonali; jiġi introdott is-suġġett mill-għalliem/a u l-istudenti jintalbu jagħtu l-fehmiet tagħhom. Kulħadd irid jagħmel tal-anqas intervent wieħed fid-diskursata. |
| *CLIL* | Il-ħsieb li tgħallem suġġett/partijiet minnu permezz ta' TL; tista' ssir bi sħab ma' kollega għalliem/a ta' suġġett ieħor. |
| *Tistieden kelliema* | F'kuntest ta' tagħlim innegozjat, l-istudenti jagħżlu mistieden/a li jixtiequ jistiednu; jistednuh/ha; organizza l-laqgħa u ħu ħsieb l-interventi tal-istudenti, u l-bqija |

| | |
|---|---|
| *Lezzjoni inter-skola* | L-għalliema jistgħu jistgħu jippjanaw lezzjoni li ssir fl-istess waqt ma' studenti ta' skejjel differenti.<br><br>Żewġ klassijiet jistgħu jistudjaw l-istess poeżija u wara jippreżentaw ir-rispons personali tagħhom u jistaqsu mistoqsijiet lil xulxin, u l-bqija. |
| *Preżentazzjonijiet* | L-istudenti jistgħu jitħeġġu jirrekordjaw lilhom infushom waqt li jitkellmu fuq temi tal-ħajja ta' kuljum bħal fuqhom infushom, l-iskola, il-passatempi tagħhom u l-bqija.<br><br>L-istudenti jintalbu jagħmlu preżentazzjonijiet qosra fuq tema tal-għażla tagħhom, fuq suġġett mogħti lilhom jew fuq aspett kulturali tal-lingwa fil-mira li jkunu stħarrġu minn qabel; hu meħtieġ li l-membri l-oħra tal-klassi jistaqsu mistoqsijiet u l-kelliem/a ikun imħejji/tkun imħejjija jwieġeb/twieġeb. Huwa important wkoll li jkunu miftiehma minn qabel il-kriterji ta' suċċess tal-ħidma mal-istudenti.<br><br>Jista' jkun hemm preżentazzjoni diġitali li ssegwi t-taħdit. * |
| *Speed dating* | Jista' jservi bħala eżerċizzju ta' 'tkixxif' orali'; permezz tal-mistoqsijiet l-istudenti jitkixxfu kemm jifilħu fuq xulxin imbagħad jippreżentaw it-tagħrif wara; l-identità tal-persuna tista' tkun reali jew mistħajla.<br><br>Din l-attività tista' tintuża fil-klassi tal-letteratura biex tgħin l-interpretazzjoni u d-diskussjoni; l-istudenti jingħataw mistoqsija tal-bidu biex tiftaħ id-diskors; jaħdmu għal xi ħin waħidhom u wara f'pari; wara jduru u jibdlu lil xulxin u hekk jaqsmu u jżidu l-ideat li jkollhom; fl-aħħar jingħata rispons ġenerali. |
| *Oħloq clip tar-radju/smigħ mibnija fuq indikazzjonijieti speċifiċi* | Jippjanaw kontenut mibni fuq indikazzjonijiet mogħtija ngħidu aħna fi clip ta' 5-10 minuti; jista' jkun hemm reklam/avviż; intervista qasira jew reċensjoni; ftit mużika u l-bqija. |
| *Dibattitu li jdur* | Dikjarazzjoni 'qawwija' jew serje ta' dikjarazzjonijiet 'qawwija' jintwerew; l-istudenti jagħżlu jekk 'jaqblu/ma jaqblux' magħha/magħhom u wara meta jintalbu jagħtu u jfiehmu l-opinjoni tagħhom fuq id-dikjarazzjoni/ijiet. |
| *Id-Dibattitu* | Dibattitu stil tradizzjonali jista' jkun organizzat fejn l-istudenti jingħataw mozzjoni, kriterji tas-suċċess u biżżejjed ħin biex iħejju ruħhom. |
| *'Senduq tat-teżor'* | L-istudenti jkunu mistiedna jippreparaw 'senduq tat-teżor' ta' veru jew virtwali li jkun fih oġġetti, ħwejjeġ, stampi, ħsejjes, u l-bqija li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom, xi btala li jkunu għamlu, id-dar tagħhom f'pajjiżhom, u l-bqija. Huma jiġu mistiedna jippreżentaw il-kontenut lill-klassi u jispjegaw l-importanza tal-oġġetti għalihom. |
| | |
| | |

| **Lil hinn u marbuta mal-klassi** |
|---|
| *Komunikazzjoni elettronika** |
| *Użu ta' bloggs** |
| *E-twinning** |
| *Laqgħat – reali jew virtwali** |
| *Intervista lil kelliema nattivi tal-lingwa fil-mira** |
| *Skambji* |
| *Riċerka attiva** |
| *Attivitajiet bejn l-iskejjel - kwizz** |
| *Avvenimenti kulturali* |
| *TV** |
| *Radju** |
| *Podcasts** |
| *L-Istampa** |
| *Films** |

### *6.2.2.2 Suġġerimenti għall-Assessjar tal-Kompetenzi tas-Smigħ u t-Taħdit fl-ONL*

L-għan tat-tagħlim ta' lingwa, speċjalment jekk din tkun lingwa oħra nazzjonali, huwa l-komunikazzjoni. Dan jista' jsir l-ewwel u qabel kollox permezz tat-taħdit u s-smigħ, u sa ċertu punt, permezz tal-qari u l-kitba. Xi drabi dawn l-erba' ħiliet komunikattivi ma jingħatawx importanza indaqs fil-klassi. Xi għalliema donnu jqisu li l-ħiliet tal-kitba u l-qari huma aktar important mill-kompetenza li titkellem u tisma' l-lingwa fil-mira. Oħrajn jista' jkollhom fehmiet u perċezzjonijiet differenti. Huwa ferm irrakkomandat li għat-tagħlim tal-ONL, l-għalliema jsibu bilanċ u jipprovdu għall-istudenti tagħhom opportunitajiet fil-klassi biex jiksbu u jaħkmu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fl-erba' ħiliet tal-lingwa. Dan japplika wkoll għall-assessjar formali. L-erba' ħiliet tal-lingwa jeħtieġ li jkunu assessjati u jagħmlu parti mill-marka finali mogħtija lill-istudenti, flimkien ma' aspetti oħra tat-tagħlim ta' lingwa, hekk kif imniżżla fil-lista tal-kompetenzi lingwistiċi misjuba fid-deskritturi tal-kisbiet. Dawn li ġejjin huma prattiċi u eżempji li qed ikunu ssuġġeriti lill-għalliema biex jużawhom fl-assessjar tagħhom tal-kompetenzi tas-smigħ u t-taħdit. Il-lista mhix eżawrijenti u sservi bħala punt tat-tluq għall-għalliema biex joħolqu attivitajiet oħra skont il-bżonnijiet u l-abbiltajiet tal-istudenti fil-kisba tal-profiċjenza indikata, speċjalment f'dawn iż-żewġ ħiliet komunikattiv daqstant importanti.

**ĊIKLU 1 (S1-S3) SMIGĦ**

| KOMPETENZA LINGWISTIKA | OBJETTIV TAT-TAGĦLIM | TIP TA' TEST | ELABORAZZJONI | APPROACH |
|---|---|---|---|---|
| SMIGĦ | jifhmu taħdit standard marbut ma' oqsma ta' relevanza personali immedjata u jaqbdu l-punt ewlieni ta' avviżi u messaġġi ċari u qosra | 1. l-użu ta' **testi qosra moqrija mgħajta** u mill-għalliem/a eżaminatur/triċi fil-klassi fuq suġġett ta' interess immedjat għall-istudenti biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel. | In-natura tat-test tista' tkun narrattiva, djalogu sempliċi, deskrizzjoni ta' persuna, oġġett jew post, messaġġ, intervista, ittra, avviż/i bħal dawl mismugħa fuq ajruplan/vapur, f'supermarket, fi stazzjonijiet tat-trasport pubbliku u l-bqija. | Moqri bil-mod ħafna u artikulat b'mod ċar, b'waqfiet spissi.<br>It-test jinqara darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel. |
| | | 2. l-użu ta' **testi rrekordjati** li jista' jkollhom viżwal tan-narratur/post/persuna u l-bqija fuq suġġett ta' interess immedjat għall-istudenti biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel. | It-taħriġ tal-assessjar u l-mistoqsijiet għandhom jirriflettu l-istrateġiji ssuġġeriti u deskritti f'taqsima A ta' dan id-dokument. | Moqri bil-mod ħafna u artikulat b'mod ċar, b'waqfiet spissi.<br>It-test jinqara darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel. |
| | | 3. l-użu ta' **video clips qosra** fuq suġġett ta' interess immedjat għall-istudenti biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel. | | Id-diskors irid ikun bil-mod ħafna u artikulat b'mod ċar, b'waqfiet spissi.<br>Il-video clip tintwera darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel. |

**ĊIKLU 2 (S4-5) SMIGĦ**

| KOMPETENZA LINGWISTIKA | OBJETTIV TAT-TAGĦLIM | TIP TA' TEST | ELABORAZZJONI | APPROACH |
|---|---|---|---|---|
| SMIGĦ | Jifhmu diskors mitħaddet b'mod standard marbut mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa' u jifhmu l-punti ewlenin ta' programmi tar-radju jew TV meta dawn jitwasslu bil-mod u b'mod ċar. | 1. l-użu ta' **testi qosra moqrija mgħajta** mill-għalliem/a eżaminatur/triċi fil-klassi marbuta mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa' għall-istudenti biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel.<br><br>2. l-użu ta' **testi rrekordjati** li jista' jkollhom viżwal tan-narratur/post/persuna u l-bqija marbuta mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa' għall-istudenti biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel.<br><br>3. l-użu ta' **video clips qosra** fuq suġġett marbut mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa' għall-istudenti biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel. | In-natura tat-test tista' tkun narrattiva, djalogu, konverzazzjoni sempliċi u qasira, deskrizzjoni sempliċi ta' suġġetti marbuta mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa' għall-istudenti, messaġġ, intervista, ittra, avviż/i.<br><br>Programmi tat-TV u tar-radju bħal dokumentarji qosra marbuta mal-esperjenza personali u ma' xi temi ta' interess usa' għall-istudenti, films qosra marbuta mal-kultura Maltija/Irlandiża bħal dawk b'temi soċjali, storiċi, ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, aħbarijiet marbuta mal-esperjenzi personali, l-aħbarijiet sportivi, il-programmi mużikali u clips ta' riklamar.<br><br>It-taħriġ tal-assessjar u l-mistoqsijiet għandhom jirriflettu l-istrateġiji ssuġġeriti u deskritti f'taqsima A ta' dan id-dokument. | Moqri bil-mod u artikulat b'mod ċar, b' xi waqfiet.<br>It-test jinqara darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel.<br><br>Moqri bil-mod u artikulat b'mod ċar, b' xi waqfiet.<br>It-test jinqara darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel.<br><br>Id-diskors irid ikun bil-mod u artikulat b'mod ċar, b' xi waqfiet.<br>Il-video clip tintwera darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel |

**ĊIKLU 3 (S6-7) SMIGĦ**

| KOMPETENZA LINGWISTIKA | OBJETTIV TAT-TAGĦLIM | TIP TA' TEST | ELABORAZZJONI | APPROACH |
|---|---|---|---|---|
| SMIGĦ | Jifhem diskors standard marbut ma' temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal aħbarijiet, clips minn programmi tar-radju u televixin, podcasts bl-internet u films qosra. | 1. l-użu ta' **testi moqrija mgħajta mill-persuna** tal-għalliem/a eżaminatur/triċi fil-klassi fuq temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal aħbarijiet, biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel.<br><br>2. l-użu ta' **testi rrekordjati** li jista' jkollhom viżwal tan-narratur/post/persuna u l-bqija fuq temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal aħbarijiet, clips xierqa meħuda minn programmi tar-radju u t-televixin, u minn podcasts tal-internet biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel.<br><br>3. l-użu ta' **video clips/films qosra** fuq temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti bħal aħbarijiet, biex jiġi assessjat il-fehim permezz ta' mistoqsijiet imħejjija minn qabel. | In-natura tat-test tista' tkun narrattiva, djalogu, dibattitu qasir, konverzazzjoni, deskrizzjoni ta' suġġetti fuq temi ta' interess ġenerali u usa', messaġġ, intervista, ittra, u avviż/i.<br><br>Programmi tat-TV u tar-radju bħal dokumentarji fuq temi ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti u temi ta' interess usa' għall-istudenti, films qosra fuq il-kultura Maltija/Irlandiża bħal dawk b'temi soċjali, storiċi, ġrajjiet kurrenti, il-letteratura u l-kuntest tagħha, aħbarijiet ta' interess ġenerali u ġrajjiet kurrenti, l-aħbarijiet sportivi, il-programmi mużikali u reċensjonijiet ta' kotba, films avvenimenti u l-bqija.<br><br>It-taħriġ tal-assessjar u l-mistoqsijiet għandhom jirriflettu l-istrateġiji ssuġġeriti u deskritti f'taqsima A ta' dan id-dokument. | Moqri b'ritmu normali u artikulat b'mod ċar.<br>It-test jinqara darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel.<br><br>Moqri b'ritmu normali u artikulat b'mod ċar.<br>It-test jinqara darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel.<br><br>Id-diksors mitkellem b'ritmu normali u artikulat b'mod ċar.<br>Il-clips/fils qosra jintwerew darbtejn u l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw il-mistoqsijiet minn qabel. |

**ĊIKLU 1 (S1-S3) IT-TAĦDIT: L-INTERAZZJONI ORALI (IO) U L-PRODUZZJONI ORALI (PO)**

| IL-KOMPETENZA LINGWISTIKA | L-OBJETTIV TAT-TAGĦLIM | EŻEMPJI |
|---|---|---|
| TAĦDIT | Jieħu sehem f'konverzazzjonijiet fuq temi familjari u attivitajiet (IO)<br><br>Jiddeskrivi d-dinja personali tiegħu (il-familja, il-passatempi, il-belt tiegħu, l-iskola u l-bqija) b'xi referenza għall-passat u l-futur. (PO) | L-użu ta' stampa jew sett ta' stampi, test qasir moqri minn qabel, clips tal-video, fuq temi familjari u attivitajiet li jservu bħala ħjiel għal konverzazzjoni qasira. Dan jista' jsir ukoll permezz ta' logħob bi rwoli.<br><br>L-użu ta' stampi u/jew ħwejjeġ reali bħal mudelli, mapep ta' postijiet u oġġetti, biex iservu ta' ħjiel li juru differenzi u/jew similaritajiet lill-istudenti biex jiddeskrivu d-dinja personali tagħhom, bi ftit referenza għall-passat u l-futur; pereżempju, stampi/ritratti ta' klassi fi żminijiet differenti; figurini mlibbsa ħwejjeġ tradizzjonali biex jitqabblu ma' stampi ta' lbies tal-lum; ġugarelli antiki mqabbla mal-logħob tal-lum…<br><br>It-taħriġ tal-assessjar u l-mistoqsijiet għandhom jirriflettu l-istrateġiji ssuġġeriti u deskritti f'taqsima A ta' dan id-dokument. |

**ĊIKLU 2 (S4-5) IT-TAĦDIT**

| IL-KOMPETENZA LINGWISTIKA | L-OBJETTIV TAT-TAGĦLIM | EŻEMPJI |
|---|---|---|
| IT-TAĦDIT | Jieħu sehem f'konverzazzjonijiet u qsim ta' informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u fuq temi ta' interess ġenerali. (OI)<br><br>Jiddeskrivi b'mod orali u koerenti, l-eperjenzi, it-tamiet u l-pjanijjiet tiegħu/tagħha u jirrakkonta/tirrakkonta l-plott ta' ktieb jew film. (PO) | L-użu ta' test/stampi/mistoqsijiet relevanti biex jibdew konverzazzjoni u qsim ta' informazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u temi ta' interess ġenerali bħal fuljetti, cartoons, titli tal-gazzetti, menù. Dan jista' jsir ukoll bħala logħob bl-irwoli.<br><br>Sett ta' stampa storja/ xbihat għall-istudenti biex jirrakkontaw l-istorja. Jistgħu jintalbu wkoll jorbtu l-istorja mal-esperjenzi personali tagħhom.<br><br>L-istudenti jstgħu jiġu ppreżentati b'xenarji differenti, temi, u suġġetti fejn jintalbu jiddeskrivi l-esperjenzi, it-tamiet u l-pjanijiet tagħhom,<br><br>Jippreżentaw b'mod orali, bl-għajnuna ta' mezzi diġitali (bħal preżentazzjonijiet bil-powerpoint fejn jinqdew biss bl-istampi), l-istorja u l-plott ta' ktieb moqri jew film li raw.<br><br>It-taħriġ tal-assessjar u l-mistoqsijiet għandhom jirriflettu l-istrateġiji ssuġġeriti u deskritti f'taqsima A ta' dan id-dokument. |

**ĊIKLU 3 (S6-7) IT-TAĦDIT**

| IL-KOMPETENZA LINGWISTIKA | L-OBJETTIV TAT-TAGĦLIM | EŻEMPJI |
|---|---|---|
| IT-TAĦDIT | Jinteraġixxi/ tinteraġixxi ma' kelliema nattivi, jieħu sehem f'diskussjonijiet fuq temi familjari u jesprimu l-fehmiet personali tagħhom bi spontanjetà u ħeffa raġjonevoli. (IO)<br><br>Jippreżenta/ tippreżenta deskrizzjoni ċara u ddettaljat fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma ta' interess tiegħu/tagħha u jagħti/tagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet għal pjanijiet u l-opinjonijiet. (PO) | L-użu ta' stampi/video clips/ testi/ sostnuti minn mistoqsijiet biex jistimulaw diskussjoni u jesprimu fehmiet.<br><br>Preżentazzjoni/ijiet fuq tema/titlu/argument mogħtija minn qabel marbuta ma' qasam ta' interess tal-istudent/a fejn ikun/tkun mistenni/mistennija jagħti deskrizzjoni ddettaljata, spjegazzjonijiet u opinjonijiet fuq is-suġġett.<br><br>It-taħriġ tal-assessjar u l-mistoqsijiet għandhom jirriflettu l-istrateġiji ssuġġeriti u deskritti f'taqsima A ta' dan id-dokument. |